Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B ►C1 **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2010/413/PESK**

tas-26 ta' Lulju 2010

dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK ◄

(ĠU L 195, 27.7.2010, p. 39)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/644/PESK tal-25 ta' Ottubru 2010	L 281	81	27.10.2010
►M2	Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/299/PESK tat-23 ta' Mejju 2011	L 136	65	24.5.2011
►M3	Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/783/PESK tal-1 ta' Diċembru 2011	L 319	71	2.12.2011
►M4	Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/35/PESK tat-23 ta' Jannar 2012	L 19	22	24.1.2012
►M5	Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/152/PESK tal-15 ta' Marzu 2012	L 77	18	16.3.2012
►M6	Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/169/PESK tat-23 ta' Marzu 2012	L 87	90	24.3.2012
►M7	Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/205/PESK tat-23 ta' April 2012	L 110	35	24.4.2012
►M8	Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/457/PESK tat-2 ta' Awwissu 2012	L 208	18	3.8.2012
►M9	Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/635/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012	L 282	58	16.10.2012
►M10	Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/687/PESK tas-6 ta' Novembru 2012	L 307	82	7.11.2012
►M11	Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/829/PESK tal-21 ta' Diċembru 2012	L 356	71	22.12.2012
►M12	Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/270/PESK tas-6 ta' Ġunju 2013	L 156	10	8.6.2013
►M13	Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/497/PESK tal-10 ta' Ottubru 2013	L 272	46	12.10.2013
►M14	Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/661/PESK tal-15 ta' Novembru 2013	L 306	18	16.11.2013
►M15	Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/685/PESK tas-26 ta' Novembru 2013	L 316	46	27.11.2013
►M16	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/21/PESK tal-20 ta' Jannar 2014	L 15	22	20.1.2014
►M17	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/222/PESK tas-16 ta' April 2014	L 119	65	23.4.2014
►M18	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/480/PESK tal-21 ta' Lulju 2014	L 215	4	21.7.2014
►M19	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/776/PESK tas-7 ta' Novembru 2014	L 325	19	8.11.2014
►M20	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/829/PESK tal-25 ta' Novembru 2014	L 338	1	25.11.2014
►M21	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/236 tat-12 ta' Frar 2015	L 39	18	14.2.2015
►M22	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/556 tas-7 ta' April 2015	L 92	101	8.4.2015
►M23	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1008 tal-25 ta' Ġunju 2015	L 161	19	26.6.2015
►M24	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1050 tat-30 ta' Ġunju 2015	L 170	2	1.7.2015
►M25	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1099 tas-7 ta' Lulju 2015	L 180	4	8.7.2015
►M26	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1130 tal-10 ta' Lulju 2015	L 184	18	11.7.2015
►M27	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1148 tal-14 ta' Lulju 2015	L 186	2	14.7.2015
►M28	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1336 tal-31 ta' Lulju 2015	L 206	66	1.8.2015

►**M29**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1337 tal-31 ta' Lulju 2015	L 206	68	1.8.2015
►**M30**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1863 tat-18 ta' Ottubru 2015	L 274	174	18.10.2015
►**M31**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/2216 tat-30 ta' Novembru 2015	L 314	58	1.12.2015
►**M32**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/35 tal-14 ta' Jannar 2016	L 10	15	15.1.2016
►**M33**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/36 tal-14 ta' Jannar 2016	L 10	17	15.1.2016
►**M34**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/78 tat-22 ta' Jannar 2016	L 16	25	23.1.2016
►**M35**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/609 tat-18 ta' April 2016	L 104	19	20.4.2016

Kkoreġuta minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 197, 29.7.2010, p. 19 (2010/413/PESK)
►**C2** Emendi, Ġ.U. L 164, 24.6.2011, p. 19 (2011/299/PESK)
►**C3** Emendi, Ġ.U. L 31, 3.2.2012, p. 7 (2012/35/PESK)
►**C4** Emendi, Ġ.U. L 41, 12.2.2013, p. 13 (2012/457/PESK)
►**C5** Emendi, Ġ.U. L 268, 10.10.2013, p. 19 (2012/829/PESK)

▼B
▼C1

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2010/413/PESK

tas-26 ta' Lulju 2010

dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK

▼B

KAPITOLU 1

RESTRIZZJONIJIET FUQ L-ESPORTAZZJONI U L-IMPORTAZZJONI

Artikolu 1

1. Il-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment dirett jew indirett tal-oġġetti, materjal, tagħmir, merkanzija u teknoloġija, inkluż software li ġejjin, lill-Iran, jew għall-użu fi, jew għall-benefiċċju ta', l-Iran, minn ċittadini tal-Istati Membri jew bi transitu mit-territorji tal-Istati Membri, jew bl-użu ta' bastimenti jew ta' inġenji tal-ajru li jtajru l-bandiera tagħhom, għandhom ikunu pprojbiti kemm jekk joriġinaw kif ukoll jekk ma joriġinawx fit-territorji tagħhom:

(a) oġġetti, materjal, tagħmir, merkanzija u teknoloġija li jinsabu fil-listi tal-Grupp ta' Fornituri Nukleari u tar-Reġim ta' Kontroll tat-Teknoloġija Missilistika;

(b) kwalunkwe oġġett, materjal, tagħmir, merkanzija u teknoloġija addizzjonali, iddeterminati mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat, bħala li jistgħu jikkontribwixxu għal attivitajiet relatati mal-arrikkiment, attivitajiet ta' ripproċessar jew attivitajiet relatati mal-ilma tqil, jew għall-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari;

▼M6

(c) armi u materjal relatat ta' kull tip, inklużi armamenti u munizzjon, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari u spare parts għal tali armi u materjal relatat. Din il-projbizzjoni m'għandhiex tapplika għal vetturi mhux tal-kumbattiment li nbnew jew li ġew mgħammra b'materjal biex jipprovdu protezzjoni ballistika, maħsuba biss għall-użu protettiv tal-persunal tal-UE u l-Istati Membri tagħha fl-Iran;

▼B

(d) ċerti oġġetti, materjal, tagħmir, merkanzija u teknoloġija oħra li jistgħu jikkontribwixxu għal attivitajiet relatati mal-arrikkiment, l-ipproċessar mill-ġdid jew l-ilma tqil, kif ukoll mal-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari jew mat-twettiq ta' attivitajiet relatati ma' suġġetti oħra fir-rigward ta' liema l-IAEA esprimiet tħassib jew li identifikat bħala pendenti. L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu koperti b'din id-dispożizzjoni;

▼M4

(e) merkanzija ta' użu doppju u teknoloġija oħra elenkati fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju [1] u mhux koperti mill-punt (a) għajr għall-ċerti oġġetti fil-kategorija 5 - il-Parti 1 u l-kategorija 5 - il-Parti 2 fl-Anness I għal dak ir-Regolament.

[1] ĠU L 134, 29.5.2009, p. 1.

▼M30

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għat-trasferiment dirett jew indirett lill-Iran, jew għall-użu f'dan il-pajjiż, jew għall-benefiċċju tiegħu bi transitu mit-territorji tal-Istati Membri ta' oġġetti msemmija fil-paragrafu 2(c), subparagrafu 1 tal-Anness B għall-UNSCR 2231 (2015) għal reatturi b'ilma ħafif. .

▼B

3. Għandhom ukoll ikunu pprojbiti:

(a) l-għoti ta' assistenza jew taħriġ tekniku, investiment, jew servizzi ta' senserija relatati ma' oġġetti, materjal, tagħmir, merkanzija u teknoloġija kif jidhru fil-paragrafu 1 u mal-provvediment, manifattura, manutenzjoni u użu ta' dawn l-oġġetti, materjal, tagħmir, merkanzija u teknoloġija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fl-Iran, jew għall-użu fl-Iran;

(b) l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatata ma' oġġetti u teknoloġiji msemmijin fil-paragrafu 1, inkluż b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni fuq il-krediti għall-esportazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawn l-oġġetti u teknoloġiji, jew għall-provvediment ta' taħriġ tekniku relatat, ta' servizzi jew ta' assistenza, direttament jew indirettament, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fl-Iran, jew għall-użu fl-Iran;

(c) il-parteċipazzjoni, konxjament jew mhux bi ħsieb, f'attivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom ikun li tiġi evitata l-projbizzjoni msemmija fil-punti (a) u (b).

4. L-akkwist minn ċittadini tal-Istati Membri, jew bl-użu ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru li jtajru l-bandiera tagħhom, tal-oġġetti, materjal, tagħmir, merkanzija u teknoloġija msemmijin fil-paragrafu 1 mill-Iran għandu jkun ipprojbit, kemm jekk joriġina u kif ukoll jekk ma joriġinax fit-territorju tal-Iran.

Artikolu 2

1. Il-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment dirett jew indirett lill-Iran, jew għall-użu fi, jew għall-benefiċċju ta' l-Iran, minn ċittadini ta' Stati Membri, jew bi transitu mit-territorji tal-Istati Membri, jew bl-użu tal-bastimenti jew ta' inġenji tal-ajru taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom, ta' oġġetti, materjal, tagħmir, merkanzija u teknoloġija, inkluża software, mhux koperti bl-Artikolu 1, li jistgħu jikkontribwixxu għal attivitajiet relatati mal-arrikkiment, attivitajiet ta' ripproċessar jew attivitajiet relatati mal-ilma tqil jew għall-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari, jew għal twettiq ta' attivitajiet relatati ma' suġġetti oħra li dwarhom l-IAEA esprimiet tħassib jew identifikat bħala pendenti, għandhom ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni abbażi ta' każ b'każ mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li jesporta. L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu koperti b'din id-dispożizzjoni.

2. Il-provvediment ta':

(a) assistenza jew taħriġ tekniku, investiment, jew servizzi ta' senserija relatati ma' oġġetti, materjal, tagħmir, merkanzija u teknoloġija kif jidhru fil-paragrafu 1 u għall-forniment, manifattura, manutenzjoni u użu ta' dawn l-oġġetti, direttament jew indirettament, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fl-Iran, jew għall-użu fl-Iran;

(b) finanzjament jew assistenza finanzjarja relatata ma' oġġetti u teknoloġiji msemmijin fil-paragrafu 1, inklużi b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni fuq il-krediti tal-esportazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawn l-oġġetti, jew għall-forniment ta' taħriġ tekniku, servizzi jew assistenza relatati, direttament jew indirettament, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fl-Iran, jew għall-użu fl-Iran;

▼B

għandu wkoll ikun suġġett għal awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jesporta.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri m'għandhom jagħtu l-ebda awtorizzazzjoni għal kwalunkwe forniment, bejgħ jew trasferiment tal-oġġetti, materjal, tagħmir, merkanzija u teknoloġija msemmijin fil-paragrafu 1 jekk jiddeterminaw li l-bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni konċernati jew il-provvediment tas-servizz ikkonċernat jikkontribwixxu għall-attivitajiet msemmijin fil-paragrafu 1.

Artikolu 3

1. Il-miżuri imposti mill-Artikolu 1(1)(a), (b) u (c) u (3) m'għandhomx japplikaw, kif adatt, fejn il-Kumitat jiddetermina minn qabel u abbażi ta' każ b'każ li tali forniment, bejgħ, trasferiment jew provvediment ta' tali oġġetti jew assistenza deċiżament ma jikkontribwixxux għall-iżvilupp tat-teknoloġiji tal-Iran b'appoġġ għall-attivitajiet nukleari tagħhom sensittivi f'termini ta' proliferazzjoni u tal-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari, inkluż fejn tali oġġetti jew assistenza ikunu għal finijiet alimentari, agrikoli, mediċi jew finijiet oħra umanitarji, sakemm:

(a) il-kuntratti għat-twassil ta' tali oġġetti jew assistenza jinkludu garanziji adatti għall-utent aħħari; u

(b) l-Iran ikun ikkommetta ruħu li ma jużax tali oġġetti f'attivitajiet nukleari sensittivi f'termini ta' proliferazzjoni jew għall-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari.

2. Il-miżuri imposti mill-Artikolu 1(1)(e) u (3) m'għandhomx japplikaw meta l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru rilevanti tiddetermina minn qabel u każ b'każ li tali forniment, bejgħ, trasferiment jew provvediment ta' tali oġġetti jew assistenza deċiżament ma jikkontribwixxux għall-iżvilupp tat-teknoloġiji tal-Iran b'appoġġ għall-attivitajiet nukleari tagħhom sensittivi f'termini ta' proliferazzjoni u tal-iżvilupp ta' sistemi ta' forniment ta' armi nukleari, inkluż fejn tali oġġetti jew assistenza jkunu għal finijiet mediċi jew finijiet oħra umanitarji, sakemm:

(a) il-kuntratti għall-provvediment ta' tali oġġetti jew assistenza jinkludu garanziji adatti għall-utent aħħari; u

(b) l-Iran ikun ikkommetta ruħu li ma jużax tali oġġetti f'attivitajiet nukleari sensittivi f'termini ta' proliferazzjoni jew għall-iżvilupp ta' sistemi ta' provvediment ta' armi nukleari.

L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra bi kwalunkwe awtorizzazzjoni miċħuda.

▼M4

Artikolu 3a

1. L-importazzjoni, ix-xiri, jew it-trasport ta' żejt mhux maħdum u prodotti petroliferi Iranjani għandhom ikunu pprojbiti.

L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom jkunu koperti b'din id-dispożizzjoni.

2. Għandu jkun ipprojbit li jingħata, direttament jew indirettament, finanzjament jew għajnuna finanzjarja, inklużi derivattivi finanzjarji, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni, relatati mal-importazzjoni, ix-xiri, jew it-trasport ta' żejt mhux maħdum u prodotti petroliferi Iranjani.

▼M4

Artikolu 3b

1. L-importazzjoni, ix-xiri, jew it-trasport ta' prodotti petrokimiċi Iranjani għandhom ikunu pprojbiti.

L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-punti rilevanti li għandhom jkunu koperti b'din id-dispożizzjoni.

2. Għandu jkun ipprojbit li jingħata direttament jew indirettament, finanzjament jew għajnuna finanzjarja, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni, relatati mal-importazzjoni, ix-xiri, jew it-trasport ta' żejt mhux maħdum u prodotti petrokimiċi Iranjani.

Artikolu 3c

1. Il-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3a għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għat-twettiq, sal-1 ta' Lulju 2012, ta' kuntratti konklużi qabel it-23 ta' Jannar 2012 jew kuntratti anċillari meħtieġa għat-twettiq ta' tali kuntratti, li għandhom jiġu konklużi u mwettqa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2012.

2. Il-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3a għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għat-twettiq ta' obbligi previsti f'kuntratti konklużi qabel it-23 ta' Jannar 2012 jew f'kuntratti anċillari meħtieġa għat-twettiq ta' tali obbligi fejn il-provvista ta' żejt mhux maħdum Iranjan u prodotti petroliferi jew ir-rikavat ottenut mill-provvista tagħhom ikunu għar-rimbors ta' ammonti pendenti fir-rigward ta' kuntratti konklużi qabel it-23 ta' Jannar 2012 dovuti lill-persuni u entitajiet fit-territorji tal-Istati Membri jew taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom, fejn dawk il-kuntratti jipprevedu speċifikament għal tali rimborsi.

Artikolu 3d

1. Il-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3b għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għat-twettiq, sal-1 ta' Mejju 2012, ta' obbligi previsti f'kuntratti konklużi qabel it-23 ta' Jannar 2012 jew f'kuntratti anċillari meħtieġa għat-twettiq ta' tali kuntratti, li għandhom jiġu konklużi u mwettqa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2012.

2. Il-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3b għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għat-twettiq ta' obbligi previsti f'kuntratti konklużi qabel it-23 ta' Jannar 2012 jew f'kuntratti anċillari meħtieġa għat-twettiq ta' tali obbligi fejn il-provvista ta' prodotti petrokimiċi jew ir-rikavat ottenut mill-provvista tagħhom ikunu għar-rimbors ta' ammonti pendenti fir-rigward ta' kuntratrti konklużi qabel it-23 ta' Jannar 2012 dovuti lill-persuni u entitajiet fit-territorji tal-Istati Membri jew taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom, fejn dawk il-kuntratti jipprevedu speċifikament għal tali rimborsi.

▼M9

Artikolu 3e

1. L-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasport ta' gass naturali Iranjan għandhom ikunu pprojbiti.

L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu koperti minn din id-dispożizzjoni.

2. Għandu jkun ipprojbit li jingħata direttament jew indirettament, finanzjament jew għajnuna finanzjarja - inklużi derivattivi finanzjarji, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni u servizzi ta' senserija relatati mal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni - relatati mal-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasport ta' gass naturali Iranjan.

▼M9

3. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti għall-konsenja ta' gass naturali ta' Stat għajr l-Iran lil Stat Membru tal-UE.

▼B

Artikolu 4

1. Il-bejgħ, il-forniment, jew it-trasferiment ta' tagħmir u teknoloġija prinċipali għas-setturi prinċipali li ġejjin tal-industrija taż-żejt u l-gass naturali fl-Iran, jew lil intrapriżi Iranjani jew bi sjieda Iranjana li huma involuti f'dawk is-setturi barra l-Iran, minn ċittadini tal-Istati Membri, jew mit-territorji tal-Istati Membri, jew bl-użu ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri għandhom ikunu pprojbiti sew jekk joriġinaw fit-territorji tagħhom u sew jekk le:

(a) raffinar;

(b) gass naturali likwifikat;

(c) esplorazzjoni;

(d) produzzjoni.

L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu koperti b'din id-dispożizzjoni.

2. Il-forniment ta' dan li ġej lill-intrapriżi fl-Iran li huma involuti fis-setturi prinċipali tal-industrija Iranjana taż-żejt u l-gass kif hemm imsemmi fil-paragrafu 1 jew intrapriżi Iranjani jew bi sjieda Iranjana li huma involuti f'dawk is-setturi barra l-Iran għandu jkun ipprojbit:

(a) assistenza teknika jew taħriġ jew servizzi oħra relatati ma' tagħmir u teknoloġija prinċipali kif iddeterminat skont il-paragrafu 1;

(b) finanzjament jew assistenza finanzjarja għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' tagħmir u teknoloġija prinċipali kif iddeterminat skont il-paragrafu 1 jew għall-provvedi-ment ta' assistenza teknika jew taħriġ relatati.

3. Il-parteċipazzjoni, konxjament jew bi ħsieb, f'attivitajiet li għandhom l-għan jew l-effett li jevitaw il-projbizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tiġi pprojbita.

▼M4

Artikolu 4a

1. Il-bejgħ, il-provvista, jew it-trasferiment ta' tagħmir u teknoloġija prinċipali għall-industrija petrokimika fl-Iran, jew lil intrapriżi Iranjani jew bi sjieda Iranjana li huma involuti f'dik l-industrija barra l-Iran, minn ċittadini tal-Istati Membri, jew mit-territorji tal-Istati Membri, jew bl-użu ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri għandhom ikunu pprojbiti sew jekk joriġinaw fit-territorji tagħhom u sew jekk le

L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-punti rilevanti li għandhom ikunu koperti b'din id-dispożizzjoni.

▼M4

2. Għandha tiġi pprojbita l-provvista ta' dawn li ġejjin lill-intrapriżi fl-Iran li huma involuti fl-industrija petrokimika Iranjana jew lil intrapriżi Iranjani jew bi sjieda Iranjana involuti f'dik l-industrija barra l-Iran:

(a) assistenza teknika jew taħriġ jew servizzi oħra relatati ma' tagħmir u teknoloġija prinċipali kif iddeterminat skont il-paragrafu 1;

(b) finanzjament jew assistenza finanzjarja għal kwalunkwe bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni ta' tagħmir u teknoloġija prinċipali kif iddeterminat skont il-paragrafu 1 jew għall-provvediment ta' assistenza teknika jew taħriġ relatati.

3. Għandha tiġi pprojbita l-parteċipazzjoni, konsapevolment jew b'intenzjoni, f'attivitajiet li għandhom bħala għan jew effett l-evażjoni tal-projbizzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 1 u 2.

▼M9

Artikolu 4b

1. Il-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 4(1) għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni, sal-15 ta' April 2013, ta' kwalunkwe obbligu relatat mal-konsenja ta' oġġetti previst f'kuntratti konklużi qabel is-26 ta' Lulju 2010 jew is-16 ta' Ottubru 2012.

2. Il-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni, sal-15 ta' April 2013, ta' kwalunkwe obbligu li jirriżulta minn kuntratti konklużi qabel is-26 ta' Lulju 2010 jew is-16 ta' Ottubru 2012 u relatat ma' investimenti magħmulin fl-Iran qabel dawk id-dati minn intrapriżi stabbiliti fl-Istati Membri.

3. Il-projbizzjoni fl-Artikolu 4a(1) għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni, sal-15 ta' April 2013, ta' obbligu relatat mal-konsenja ta' oġġetti previsti f'kuntratti konklużi qabel it-23 ta' Jannar 2012 jew is-16 ta' Ottubru 2012.

4. Il-projbizzjonijiet fl-Artikolu 4a għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni, sal-15 ta' April 2013, ta' obbligu li jirriżulta minn kuntratti konklużi qabel it-23 ta' Jannar 2012 jew is-16 ta' Ottubru 2012 u relatat ma' investimenti magħmulin fl-Iran qabel dawk id-dati minn intrapriżi stabbiliti fl-Istati Membri.

5. Il-paragrafi 1 u 2 huma mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni tal-obbligi msemmija fl-Artikolu 3c(2) dment li dawk l-obbligi jirriżultaw minn kuntratti ta' servizzi jew kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni tagħhom u dment li l-eżekuzzjoni ta' dawk l-obbligi tkun ġiet awtorizzata minn qabel mill-Istat Membru rilevanti. L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni.

6. Il-paragrafi 3 u 4 huma mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni tal-obbligi msemmija fl-Artikolu 3d(2) dment li dawk l-obbligi jirriżultaw minn kuntratti ta' servizzi jew kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni tagħhom u dment li l-eżekuzzjoni ta' dawk l-obbligi tkun ġiet awtorizzata minn qabel mill-Istat Membru rilevanti. L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni.

▼M4

Artikolu 4c

Il-bejgħ, xiri, trasport jew senserija diretti jew indiretti ta' deheb jew metalli prezzjużi, kif ukoll djamanti, lil, minn jew għall-Gvern tal-Iran, il-korpi, il-korporazzjonijiet u l-aġenziji pubbliċi tiegħu, il-Bank Ċentrali tal-Iran, kif ukoll lil, minn jew għal persuni u entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew fuq id-direzzjoni tagħhom, jew entitajiet li jappartjenu lilhom jew huma kkontrollati minnhom għandhom jiġu pprojbiti.

L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-punti rilevanti li għandhom ikunu koperti b'din id-dispożizzjoni.

Artikolu 4d

Il-konsenja tal-karti tal-flus u muniti denominati Iranjani li għadhom kif ġew stampati jew inħarġu jew dawk li għadhom ma nħarġux, lill-Bank Ċentrali tal-Iran, jew għall-benefiċċju tiegħu, għandha tkun ipprojbita.

▼M9

Artikolu 4e

1. Il-bejgħ, il-forniment jew it-trasferiment lill-Iran ta' grafit, u ta' metalli mhux maħduma jew parzjalment maħduma, bħall-aluminju u l-azzar, li huma rilevanti għall-industriji kkontrollati direttament jew indirettament mill-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iranjana jew li huma rilevanti għall-programm nukleari, militari u tal-missili ballistiċi tal-Iran, minn ċittadini tal-Istati Membri, jew mit-territorji tal-Istati Membri, jew bl-użu ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri, għandhom ikunu pprojbiti kemm jekk joriġinaw fit-territorji tagħhom kemm jekk le.

L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu koperti minn din id-dispożizzjoni.

2. Għandu jkun ipprojbit ukoll li:

(a) jiġu pprovduti lill-Iran assistenza teknika jew taħriġ u servizzi oħra relatati mal-punti msemmijin fil-paragrafu 1;

(b) jiġi pprovdut lill-Iran finanzjament jew assistenza finanzjarja għal kwalunkwe bejgħ, forniment jew trasferiment tal-oġġetti msemmijin fil-paragrafu 1 jew għall-provvista ta' assistenza teknika u taħriġ relatati.

3. Għandha tkun ipprojbita l-parteċipazzjoni, b'mod konsapevoli jew intenzjonali, f'attivitajiet li għandhom l-għan jew l-effett li jevitaw il-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 4f

Il-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4e għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni, sal-15 ta' April 2013, ta' kuntratti konklużi qabel is-16 ta' Ottubru 2012 jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

Artikolu 4g

1. Il-bejgħ, il-provvista, jew it-trasferiment ta' tagħmir u teknoloġija ewlenija tal-baħar għall-bini ta' vapuri, manutenzjoni jew tiswija (refit), lill-Iran jew lil intrapriżi Iranjani jew bi sjieda Iranjana li huma involuti f'dan is-settur, minn ċittadini tal-Istati Membri, jew mit-territorji tal-Istati Membri, jew bl-użu ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri, għandhom ikunu pprojbiti kemm jekk joriġinaw fit-territorji tagħhom u kemm jekk le.

▼M9

L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu koperti minn din id-dispożizzjoni.

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-forniment ta' tagħmir u teknoloġija ewlenija tal-baħar lil bastiment mhux bi sjieda Iranjana jew mhux ikkontrollat mill-Iran li jkun ġie mġiegħel jidħol f'port Iranjan jew ilmijiet territorjali Iranjani taħt *force majeure*.

3. Għandu jkun ipprojbit ukoll li:

(a) jiġu pprovduti lill-Iran assistenza teknika jew taħriġ u servizzi oħra relatati mal-oġġetti msemmijin fil-paragrafu 1;

(b) jiġi pprovdut lill-Iran finanzjament jew assistenza finanzjarja għal kwalunkwe bejgħ, forniment jew trasferiment tal-oġġetti msemmijin fil-paragrafu 1 jew għall-provvista ta' assistenza teknika u taħriġ relatati.

4. Hija pprojbita l-parteċipazzjoni, b'mod konsapevoli jew intenzjonali, f'attivitajiet li għandhom bħala għan jew effett l-evażjoni tal-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 3.

Artikolu 4h

Il-projbizzjonijiet fl-Artikolu 4g għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni, sal-15 ta' Frar 2013, ta' kuntratti konklużi qabel is-16 ta' Ottubru 2012 jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

Artikolu 4i

1. Il-bejgħ, il-forniment jew it-trasferiment lill-Iran ta' software għall-integrazzjoni ta' proċess industrijali, li huwa rilevanti għall-industriji kkontrollati direttament jew indirettament mill-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iranjana jew li huwa rilevanti għall-programm nukleari, militari u tal-missili ballistiċi tal-Iran, minn ċittadini tal-Istati Membri, jew mit-territorji tal-Istati Membri, jew bl-użu ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri, għandhom ikunu pprojbiti kemm jekk joriġinaw fit-territorji tagħhom kemm jekk le.

L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu koperti minn din id-dispożizzjoni.

2. Għandu jkun ipprojbit ukoll li:

(a) jiġu pprovduti lill-Iran assistenza teknika jew taħriġ u servizzi oħra relatati mal-oġġetti msemmijin fil-paragrafu 1;

(b) jiġi pprovdut lill-Iran finanzjament jew assistenza finanzjarja għal kwalunkwe bejgħ, forniment jew trasferiment tal-oġġetti msemmijin fil-paragrafu 1 jew għall-provvista ta' assistenza teknika u taħriġ relatati.

3. Għandha tkun ipprojbita l-parteċipazzjoni, b'mod konsapevoli jew intenzjonali, f'attivitajiet li għandhom l-għan jew l-effett li jevitaw il-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 4j

Il-projbizzjonijiet fl-Artikolu 4i għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni, sal-15 ta' Jannar 2013, ta' kuntratti konklużi qabel is-16 ta' Ottubru 2012 jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

▼B

RESTRIZZJONIJIET FUQ L-IFFINANZJAR TA' ĊERTI INTRAPRIŻI

Artikolu 5

L-investiment fit-territorji taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri mill-Iran, iċ-ċittadini tiegħu, u entitajiet inkorporati fl-Iran jew soġġetti għall-ġurisdizzjoni tiegħu, jew minn persuni jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, jew minn entitajiet li japperjenu lilhom jew ikkontrollati minnhom fi kwalunkwe attività li tinvolvi l-estrazzjoni tal-uranju, il-produzzjoni jew l-użu ta' materjal nukleari u teknoloġija, b'mod partikolari l-arrikiment tal-uranju u l-attivitajiet ta' riproċessar, l-attivitajiet kollha relatati mal-ilma tqil jew teknoloġiji relatati ma' missili ballistiċi li għandhom il-kapaċità li jwasslu armi nukleari, għandu jkun ipprojbit. L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu koperti b'dan l-Artikolu.

Artikolu 6

Dan li ġej għandu jiġi pprojbit:

(a) l-għoti ta' kwalunkwe self jew kreditu finanzjarju lil intrapriżi fl-Iran li huma involuti fis-setturi tal-industrija Iranjana taż-żejt u l-gass kif hemm imsemmi fl-Artikolu 4(1) jew intrapriżi Iranjani jew bi sjieda Iranjana li huma involuti f'dawk is-setturi barra l-Iran;

(b) l-akkwist jew l-estensjoni ta' parteċipazzjoni f'intrapriżi fl-Iran li huma involuti fis-setturi tal-industrija Iranjana taż-żejt u l-gass kif hemm imsemmi fl-Artikolu 4(1), jew lil intrapriżi Iranjani jew bi sjieda Iranjana li huma involuti f'dawk is-setturi barra l-Iran, inklużi l-akkwist b'mod sħiħ ta' tali intrapriżi u l-akkwist ta' ishma u ta' titoli ta' natura parteċipattiva;

(c) il-ħolqien ta' kwalunkwe joint venture ma' intrapriżi fl-Iran li huma involuti fl-industriji fis-setturi taż-żejt u l-gass imsemmijin fl-Artikolu 4(1), u ma' kwalunkwe sussidjarja jew affiljat taħt il-kontroll tagħhom.

▼M4

Artikolu 6a

Dan li ġej għandu jiġi pprojbit:

(a) l-għoti ta' kwalunkwe self jew kreditu finanzjarju lill-intrapriżi fl-Iran li huma involuti fl-industrija petrokimika Iranjana jew lil intrapriżi Iranjani jew bi sjieda Iranjana involuti f'dik l-industrija barra mill-Iran;

(b) l-akkwist jew l-estensjoni ta' parteċipazzjoni f'intrapriżi fl-Iran li huma involuti fl-industrija petrokimika Iranjana, jew f'intrapriżi Iranjani jew bi sjieda Iranjana li huma involuti f'dik l-industrija barra mill-Iran, inkluż l-akkwist b'mod sħiħ ta' tali intrapriżi u l-akkwist ta' ishma jew ta' titoli ta' natura parteċipattiva;

(c) il-ħolqien ta' kwalunkwe impriża konġunta ma' intrapriżi fl-Iran li huma involuti fl-industrija petrokimika Iranjana u ma' kwalunkwe sussidjarja jew affiljat taħt il-kontroll tagħhom.

▼M4

Artikolu 7

1. Il-projbizzjonijiet fl-Artikolu 6(a) u (b) rispettivament:

(i) għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għat-twettiq ta' obbligu li jirriżulta minn kuntratti jew ftehimiet li ġew konklużi qabel is-26 ta' Lulju 2010;

(ii) ma għandhomx iwaqqfu l-estensjoni ta' parteċipazzjoni, jekk tali estensjoni tkun obbligu skont ftehim li ġie konkluż qabel is-26 ta' Lulju 2010.

2. Il-projbizzjonijiet fl-Artikolu 6a(a) u (b) rispettivament:

(i) għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għat-twettiq ta' obbligu li jirriżulta minn kuntratti jew ftehimiet konklużi qabel it-23 ta' Jannar 2012;

(ii) ma għandhomx iwaqqfu l-estensjoni ta' parteċipazzjoni, jekk tali estensjoni hija obbligu taħt ftehim konklużż qabel it-23 ta' Jannar 2012.

▼B

RESTRIZZJONIJIET FUQ SOSTENN FINANZJARJU GĦALL-KUMMERĊ

Artikolu 8

▼M9

1. L-Istati Membri m'għandhom jidħlu f'ebda impenn ġdid għal terminu qasir, medju jew twil biex jipprovdu appoġġ finanzjarju għall-kummerċ mal-Iran, inkluż l-għoti ta' krediti tal-esportazzjoni, garanziji jew assigurazzjoni, lil ċittadini tagħhom jew lil entitajiet involuti f'kummerċ bħal dan, lanqas ma għandhom l-Istati Membri jiggarantixxu jew jirriassiguraw tali impenji.

▼B

2. Paragrafu 1 m'għandux jaffettwa l-impenji stabbiliti qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

3. Paragrafu 1 m'għandux jikkonċerna kummerċ għal finijiet alimentari, agrikoli, mediċi jew finijiet oħra umanitarji.

▼M9

BINI TA' TANKERS TAŻ-ŻEJT

Artikolu 8a

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4g, il-bini jew il-parteċipazzjoni fil-bini ta' tankers taż-żejt ġodda għall-Iran jew għal persuni u entitajiet Iranjani għandhom ikunu pprojbiti.

2. Għandu jkun ipprojbit il-provvediment ta' assistenza teknika jew finanzjament jew assistenza finanzjarja għall-bini ta' tankers taż-żejt ġodda għall-Iran jew għal persuni u entitajiet Iranjani.

▼B

KAPITOLU 2

SETTUR FINANZJARJU

Artikolu 9

L-Istati Membri m'għandhomx jidħlu f'impenji ġodda għal għotjiet, assistenza finanzjarja u self aġevolanti lill-Gvern tal-Iran, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom f'istituzzjonijiet finanjarji internazzjonali, ħlief għal finijiet umanitarji u ta' żvilupp.

▼M9

Artikolu 10

1. Sabiex jiġi impedut it-trasferiment lil, permezz ta', jew mit-territorji tal-Istati Membri, jew it-trasferiment lil jew minn ċittadini tal-Istati Membri, entitajiet organizzati taħt il-liġijiet tagħhom (inklużi fergħat barra l-pajjiż), jew persuni jew istituzzjonijiet finanzjarji fit-territorji tal-Istati Membri, ta' kwalunkwe ass finanzjarju jew assi jew riżorsi oħrajn li jistgħu jikkontribwixxu għall-attivitajiet nukleari tal-Iran sensittivi f'termini ta' proliferazzjoni jew għall-iżvilupp ta' sistemi ta' trasport tal-Iran ta' armi nukleari, l-istituzzjonijiet finanzjarji taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri ma għandhomx jidħlu, jew ikomplu jipparteċipaw fi transazzjonijiet ma':

(a) banek domiċiljati fl-Iran, inkluż il-Bank Ċentrali tal-Iran;

(b) fergħat u sussidjarji, fil-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri, ta' banek domiċiljati fl-Iran;

(c) fergħat u sussidjarji, barra l-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri, ta' banek domiċiljati fl-Iran;

(d) entitajiet finanzjarji li mhumiex domiċiljati fl-Iran, iżda li huma kkontrollati minn persuni u entitajiet domiċiljati fl-Iran,

dment li tali transazzjonijiet ma jkunux awtorizzati minn qabel mill-Istat Membru rilevanti f'konformità mal-paragrafi 2 u 3.

2. Għall-fini tal-paragrafu 1, it-transazzjonijiet li ġejjin jistgħu jiġu awtorizzati mill-Istat Membru rilevanti:

(a) transazzjonijiet rigward oġġetti tal-ikel, il-kura tas-saħħa, tagħmir mediku, jew għal finijiet agrikoli jew umanitarji;

(b) transazzjonijiet rigward rimessi personali;

(c) transazzjonijiet rigward l-eżekuzzjoni tal-eżenzjonijiet previsti f'din id-Deċiżjoni;

(d) transazzjonijiet marbuta ma' kuntratt kummerċjali speċifiku mhux ipprojbit taħt din id-Deċiżjoni;

(e) transazzjonijiet rigward missjoni diplomatika jew konsulari jew organizzazzjoni internazzjonali li tgawdi immunitajiet skont id-dritt internazzjonali, safejn tali pagamenti jkunu maħsubin biex jintużaw għal skopijiet uffiċjali tal-missjoni diplomatika jew konsulari jew tal-organizzazzjoni internazzjonali;

(f) transazzjonijiet rigward pagament biex jiġu sodisfatti pretensjonijiet kontra l-Iran, persuni jew entitajiet Iranjani, każ b'każ u soġġetti għal notifika għaxart ijiem qabel l-awtorizzazzjoni, u transazzjonijiet ta' natura simili li ma jikkontribwixxux għall-attivitajiet ipprojbiti taħt din id-Deċiżjoni.

Ma hi meħtieġa l-ebda awtorizzazzjoni jew notifika għal transazzjonijiet li jaqgħu taħt il-punti (a) sa (e) li huma taħt EUR 10 000.

3. It-trasferimenti ta' fondi lejn l-Iran u mill-Iran permezz ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji Iranjani għat-transazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu pproċessati kif ġej:

▼M9

(a) trasferimenti dovuti għal transazzjonijiet rigward oġġetti tal-ikel, il-kura tas-saħħa, tagħmir mediku, jew għal finijiet agrikoli jew umanitarji, taħt EUR 100 000, kif ukoll trasferimenti rigward rimessi personali, ta' inqas minn EUR 40 000, għandhom jitwettqu mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel; it-trasferiment għandu jiġi nnotifikat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat jekk ikun ta' aktar minn EUR 10 000;

(b) trasferimenti dovuti għal transazzjonijiet rigward oġġetti tal-ikel, il-kura tas-saħħa, tagħmir mediku, jew għal finijiet agrikoli jew umanitarji 'l fuq minn EUR 100 000, kif ukoll trasferimenti rigward rimessi personali, ta' aktar minn EUR 40 000, għandu jkollhom l-awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat. L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni;

(c) kwalunkwe trasferiment ieħor ta' aktar minn EUR 10 000 għandu jkollu l-awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat. L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni.

▼M11

3a. L-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom ikunu meħtieġa, fl-attivitajiet tagħhom mal-banek u l-istituzzjonijiet finanzjarji kif stipulat fil-paragrafu 1, li:

(a) jeżerċitaw viġilanza kontinwa fir-rigward tal-attività relatata mal-kontijiet inkluż permezz tal-programmi tagħhom dwar diliġenza dovuta tal-klijenti u skont l-obbligi tagħhom relatati mal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu;

(b) jeħtieġu li jimtlew il-partijiet kollha ta' informazzjoni tal-istruzzjonijiet għall-ħlas li huma relatati mal-oriġinatur u l-benefiċjarju tat-transazzjoni inkwistjoni u, jekk dik l-informazzjoni ma tkunx ipprovduta, jirrifjutaw it-transazzjoni;

(c) iżommu r-rekords kollha tat-transazzjonijiet għal perijodu ta' ħames snin u dawn għandhom ikunu disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali meta jintalbu;

(d) jekk jissuspettaw, jew għandhom bażi raġonevoli biex jissuspettaw, li l-fondi huma relatati mal-finanzjament tal-proliferazzjoni, jirrapportaw minnufih is-suspetti tagħhom lill-UIF jew lil awtorità kompetenti oħra inkarigata mill-Istat Membru kkonċernat. L-UIF jew tali awtorità oħra kompetenti għandha jkollha aċċess, dirett jew indirett, fuq bażi ta' żmien f'waqtu għall-informazzjoni finanzjarja, amministrattiva u ta' infurzar tal-liġi li tkun teħtieġ biex il-funzjoni titwettaq korrettament, inkluż l-analiżi ta' rapporti dwar transazzjonijiet suspettużi.

▼M9

4. It-trasferimenti ta' fondi lejn u mill-Iran li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 3 għandhom jiġu pproċessati kif ġej:

(a) trasferimenti dovuti għal transazzjonijiet rigward oġġetti tal-ikel, il-kura tas-saħħa, tagħmir mediku, jew għal finijiet agrikoli jew umanitarji għandhom isiru mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel; it-trasferiment għandu jiġi nnotifikat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat jekk ikun ta' aktar minn EUR 10 000;

(b) kwalunkwe trasferiment ieħor ta' inqas minn EUR 40 000 għandu jsir mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel; it-trasferiment għandu jiġi nnotifikat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat jekk ikun ta' aktar minn EUR 10 000;

▼M9

(c) kwalunkwe trasferiment ieħor ta' aktar minn EUR 40 000 għandu jkollu l-awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat. L-awtorizzazzjoni għandha titqies li tkun mogħtija fi żmien erba' ġimgħat dment li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat ma tkunx oġġezzjonat f'dan il-perijodu ta' żmien. L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra bi kwalunkwe awtorizzazzjoni miċħuda.

5. Fergħat u sussidjarji ta' banek domiċiljati fl-Iran fil-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri għandhom ikunu meħtieġa wkoll jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti, dwar it-trasferimenti kollha ta' fondi mwettqa jew riċevuti minnhom, fi żmien ħamest ijiem ta' ħidma minn meta jwettqu jew jirċievu t-trasferiment rispettiv tal-fondi.

Soġġett għal arranġamenti ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti nnotifikati għandhom mingħajr dewmien jgħaddu din l-informazzjoni dwar in-notifiki, kif adatt, lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra, fejn il-kontropartijiet għal tali transazzjonijiet ikunu stabbiliti.

▼B

Artikolu 11

1. Il-ftuħ ta' fergħat, sussidjarji, jew uffiċji ta' rappreżentanza ta' banek Iranjani fit-territorji tal-Istati Membri, u l-istabbiliment ta' joint ventures ġodda jew it-teħid ta' interess ta' sjieda, jew l-istabbiliment ta' relazzjonijiet ġodda bankarji korrispondenti minn banek Iranjani, inklużi l-Bank Ċentrali tal-Iran, fergħat u sussidjarji tiegħu u entitajiet finanzjarji msemmija fl-Artikolu 10(1), ma' banek fil-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri għandhom ikunu pprojbiti.

2. L-istituzzjonijiet finanzjarji fit-territorji tal-Istati Membri jew taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom għandhom jiġu pprojbiti milli jiftħu uffiċċji ta' rappreżentanza, sussidjarji jew kontijiet bankarji fl-Iran.

Artikolu 12

1. Il-provvediment ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni lill-Gvern tal-Iran jew lill-entitajiet inkorporati fl-Iran jew soġġetti għall-ġurisdizzjoni tal-Iran, jew lil kwalunkwe individwu jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, jew lill-entitajiet li jappartjenu lilhom jew huma kkontrollati minnhom, inklużi permezz ta' mezzi illeċiti, għandhom jiġu pprojbiti.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika għall-provvediment ta' assigurazzjonijiet tas-saħħa u tal-ivvjaġġar lil individwi.

3. Il-parteċipazzjoni, konxjament jew bi ħsieb, f'attivitajiet li għandhom l-għan jew l-effett li jevitaw il-projbizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 għandha tiġi pprojbita.

Artikolu 13

Il-bejgħ jew ix-xiri ta', jew is-senserija jew l-assistenza fil-ħruġ,, dirett jew indirett, ta' bonds pubbliċi jew iggarantiti mill-awtoritajiet pubbliċi maħruġa wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni lil, u mill-Gvern tal-Iran, il-Bank Ċentrali tal-Iran jew banek domiċiljati fl-Iran, jew fergħat jew sussidjarji fi jew barra l-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri ta' banek domiċiljati fl-Iran, jew entitajiet finanzjarji li la huma domiċiljati fl-Iran u lanqas fil-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri, iżda huma kkontrollati minn persuni jew entitajiet domiċiljati fl-Iran kif ukoll kwalunkwe individwu jew entità li jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, jew entitajiet li jappartjenu lilhom jew huma kkontrollati minnhom, għandhom jiġu pprojbiti.

▼B

Artikolu 14

L-Istati għandhom jeħtieġu li ċ-ċittadini tagħhom, il-persuni soġġetti għall-ġurisdizzjoni tagħhom jew id-ditti inkorporati fit-territorji tagħhom jew soġġetti għall-ġurisdizzjoni tagħhom jeżerċitaw viġilanza meta jagħmlu negozju ma' entitajiet inkorporati fl-Iran jew soġġetti għall-ġurisdizzjoni tal-Iran, inklużi dawk tal-IRGC u tal-IRISL, u kwalunkwe individwu jew entità li jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, u entitajiet li jappartjenu lilhom jew huma kkontrollati minnhom inkluż permezz ta' mezzi illeċiti sabiex ikun żgurat li tali negozju ma jikkontribwixxix għall-attivitajiet nukleari tal-Iran sensittivi f'termini ta' proliferazzjoni jew għall-iżvilupp ta' sistema ta' twassil ta' armi nukleari jew għal vjolazzjonijiet ta' UNSCR 1737 (2006), UNSCR 1747 (2007) UNSCR 1803 (2008) jew UNSCR 1929 (2010).

KAPITOLU 3

SETTUR TAT-TRASPORT

Artikolu 15

▼M30

1. L-Istati Membri għandhom jispezzjonaw, f'konformità mal-awtoritajiet u l-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom, u b'mod konsistenti mal-liġi internazzjonali, b'mod partikolari l-liġi tal-baħar u ftehimiet internazzjonali rilevanti dwar l-avjazzjoni ċivili, il-merkanzija kollha lejn u mill-Iran fit-territorji tagħhom, inklużi portijiet u ajruporti, jekk huma jkollhom informazzjoni li tipprovdi bażi raġonevoli biex wieħed jemmen li l-merkanzija tinkludi oġġetti li l-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom qegħdin isiru b'mod kuntrarju għal din id-Deċiżjoni.

2. L-Istati Membri, b'mod konsistenti mal-liġi internazzjonali, b'mod partikolari l-liġi tal-baħar, jistgħu jirrikjedu spezzjonijiet ta' bastiment fl-ibħra internazzjonali bil-kunsens tal-Istat tal-bandiera, jekk ikollhom informazzjoni li tipprovdi bażi raġonevoli biex wieħed jemmen li l-bastimenti jġorru oġġetti li l-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom qegħdin isiru b'mod kuntrarju għal din id-Deċiżjoni.

▼B

3. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw, konformement mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom, mal-ispezzjonijiet magħmula skont il-paragrafi 1 u 2.

4. L-inġenji tal-ajru u l-bastimenti li jittrasportaw merkanzija lejn u mill-Iran għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżit ta' informazzjoni addizzjonali ta' qabel il-wasla jew it-tluq għall-merkanzija kollha li tiddaħħal fi Stat Membru jew toħroġ minnu.

▼M30

5. F'każijiet fejn titwettaq spezzjoni li tissemma fil-paragrafu 1 jew 2, l-Istati Membri għandhom jikkonfiskaw u jeliminaw oġġetti (pereżempju billi jeqirduhom, jagħmluhom inoperabbli, jaħżnuhom jew jittrasferixxuhom lil Stat ieħor għajr dawk l-Istati ta' oriġini jew ta' destinazzjoni għall-eliminazzjoni) li l-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom qegħdin isiru b'mod kuntrarju għal din id-Deċiżjoni. Tali konfiska u eliminazzjoni għal dawn ser jitwettqu bi spejjeż għall-importatur, jew jekk ma jkunx possibbli li dawn l-ispejjeż jiġu rkuprati mill-importatur, huma jistgħu, skont il-leġislazzjoni nazzjonali, jiġu rkuprati minn kwalunkwe persuna oħra jew entità responsabbli għat-tentattiv ta' forniment, bejgħ, trasferiment jew esportazzjoni illeċiti.

▼M30

6. L-għoti miċ-ċittadini tal-Istati Membri jew mit-territorji taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri ta' servizzi ta' bunkering jew ta' forniment lill-bastimenti, jew manutenzjoni oħra ta' bastimenti, lill-bastimenti bi sjieda Iranjana jew b'kuntratt Iranjan, inklużi bastimenti mikrija, għandhom jiġu pprojbiti jekk huma jkollhom informazzjoni li tipprovdi bażi raġonevoli biex wieħed jemmen li l-bastimenti qegħdin iġorru oġġetti li l-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom qegħdin isiru b'mod kuntrarju għal din id-Deċiżjoni sakemm l-għoti ta' tali servizzi ma jkunx neċessarju għal finijiet umanitarji jew sa ma l-merkanzija tkun ġiet spezzjonata, u kkonfiskata u eliminata jekk ikun neċessarju, f'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 5.

▼B

Artikolu 16

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kumitat kwalunkwe informazzjoni disponibbli dwar trasferimenti ta' attivitajiet mid-diviżjoni tal-merkanzija tal-Iran Air jew ta' bastimenti li jappartjenu lill-IRISL jew mħaddma minnhom lil kumpanniji oħrajn, li setgħu twettqu sabiex jiġu evitati s-sanzjonijiet ta', jew bi vjolazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' UNSCR 1737 (2006), UNSCR 1747 (2007), UNSCR 1803 (2008) jew UNSCR 1929 (2010), inklużi t-tibdil fl-isem jew ir-reġistrazzjoni mill-ġdid ta' inġenji tal-ajru, bastimenti jew vapuri.

Artikolu 17

L-Istati Membri, f'konformità mal-awtoritajiet legali u l-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom u konsistenti mal-liġi internazzjonali, b'mod partikolari ftehimiet internazzjonali rilevanti dwar l-avjazzjoni ċivili, għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jimpedixxu l-aċċess għall-ajruporti taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom tat-titjiriet kollha bil-merkanzija operati minn trasportaturi Iranjani jew li joriġinaw mill-Iran bl-eċċezzjoni ta' titjiriet li fihom ikun hemm passiġġieri u merkanzija.

Artikolu 18

▼M30

L-għoti miċ-ċittadini tal-Istati Membri, jew mit-territorji tal-Istati Membri, ta' servizzi ta' inġinerija u ta' manutenzjoni lill-inġenji tal-ajru tal-merkanzija Iranjani għandhom jiġu pprojbiti jekk huma għandhom informazzjoni li tipprovdi bażi raġonevoli biex wieħed jemmen li l-inġenji tal-ajru tal-merkanzija qegħdin iġorru oġġetti li l-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom qegħdin isiru b'mod kuntrarju għal din id-Deċiżjoni sakemm l-għoti ta' tali servizzi ma jkunx neċessarju għal finijiet umanitarji u ta' sigurtà jew sa ma l-merkanzija tkun ġiet spezzjonata, u kkonfiskata u eliminata jekk ikun neċessarju, f'konformità mal-Artikolu 15(1) u (5).

▼M9

Artikolu 18a

Il-forniment minn ċittadini ta' Stati Membri jew mit-territorju taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri, ta' servizzi ta' flagging u ta' klassifikazzjoni, inklużi reġistrazzjoni u numri ta' identifikazzjoni ta' kwalunkwe tip, lil tankers taż-żejt u bastimenti tal-merkanzija Iranjani għandu jkun ipprojbit mill-15 ta' Jannar 2013.

Artikolu 18b

1. Għandu jkun ipprojbit il-forniment ta' bastimenti maħsuba għat-trasport jew il-ħżin ta' żejt u prodotti petrokimiċi lil persuni, entitajiet jew korpi Iranjani.

▼M9

2. Għandu jkun ipprojbit il-forniment ta' bastimenti maħsuba għat-trasport jew il-ħażna ta' żejt u prodotti petrokimiċi lil kwalunkwe persuna, entità jew korp għat-trasport jew il-ħżin ta' żejt u prodotti petrokimiċi Iranjani.";

3. Għandha tkun ipprojbita l-parteċipazzjoni, b'mod konsapevoli jew intenzjonali, f'attivitajiet li għandhom l-għan jew l-effett li jevitaw il-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2.

▼B

KAPITOLU 4

RESTRIZZJONIJIET FUQ L-AMMISSJONI

Artikolu 19

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jimpedixxu d-dħul jew transitu fit-territorji tagħhom ta':

(a) persuni elenkati fl-Anness għal UNSCR 1737 (2006), u persuni addizzjonali indikati mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat konformement mal-paragrafu 10 ta' UNSCR 1737 (2006) kif ukoll individwi tal-IRGC indikati mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat, kif elenkati fl-Anness I;

▼M13

(b) persuni oħrajn mhux koperti mill-Anness I li jkunu impenjati fi, assoċjati direttament ma', jew jipprovdu appoġġ għall-attivitajiet nukleari sensittivi f'termini ta' proliferazzjoni tal-Iran jew għall-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari, anke permezz ta' involviment fl-akkwist tal-oġġetti, merkanzija, tagħmir, materjal u teknoloġija pprojbita, jew persuni li jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, jew persuni li evadew jew kisru, jew għenu lil persuni jew entitajiet indikati biex jevadu jew jiksru, id-dispożizzjonijiet ta' UNSCR 1737 (2006), UNSCR 1747 (2007), UNSCR 1803 (2008) u UNSCR 1929 (2010) jew din id-Deċiżjoni, kif ukoll membri oħra tal-IRGC u persuni li jaġixxu f'isem l-IRGC jew l-IRISL, u persuni li jipprovdu assigurazzjoni jew servizzi essenzjali oħra lill-IRGC u lill-IRISL, jew lil entitajiet tagħhom jew ikkontrollati minnhom jew li jaġixxu f'isimhom, kif elenkati fl-Anness II;

▼M4

(c) persuni oħra mhumiex koperti mill-Anness I li jipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran, u persuni assoċjati magħhom, kif elenkat fl-Anness II;

▼M30

(d) persuni oħra li l-Kunsill tas-Sigurtà indika li kienu involuti fi, assoċjati direttament ma', jew appoġġaw, l-attivitajiet nukleari tal-Iran, sensittivi f'termini ta' proliferazzjoni mwettqa b'mod kuntrarju għall-impenji tal-Iran fil-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt (JCPOA) jew l-iżvilupp ta' sistemi ta' konsenja ta' armi nukleari, inkluż permezz tal-involviment fl-akkwist ta' oġġetti, merkanzija, tagħmir, materjali u teknoloġija pprojbiti speċifikati fid-dikjarazzjoni meħmuża mal-Anness B għall-UNSCR 2231 (2015); li assistew persuni jew entitajiet indikati biex jevadu jew jaġixxu b'mod inkonsistenti mal-JCPOA jew l-UNSCR 2231 (2015); li aġixxew f'isem jew fuq ordni ta' persuni jew entitajiet indikati, kif elenkati fl-Anness III;

▼M30

(e) persuni oħra li mhumiex koperti mill-Anness III li kienu involuti fi, assoċjati direttament ma', jew appoġġaw, l-attivitajiet nukleari tal-Iran, sensittivi f'termini ta' proliferazzjoni mwettqa b'mod kuntrarju għall-impenji tal-Iran fil-JCPOA jew l-iżvilupp ta' sistemi ta' konsenja ta' armi nukleari, inkluż permezz tal-involviment fl-akkwist ta' oġġetti, merkanzija, tagħmir, materjali u teknoloġija pprojbiti speċifikati fid-dikjarazzjoni mehmuża mal-Anness B għall-UNSCR 2231 (2015) jew f'din id-Deċiżjoni; li assistew persuni jew entitajiet indikati biex jevadu jew jaġixxu b'mod inkonsistenti mal-JCPOA, l-UNSCR 2231 (2015) jew din id-Deċiżjoni; li aġixxew f'isem jew fuq ordni ta' persuni jew entitajiet indikati, kif elenkati fl-Anness IV.

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhiex tapplika għat-transitu mit-territorji ta' Stati Membri għall-finijiet ta' attivitajiet relatati direttament mal-oġġetti speċifikati fil-paragrafu 2(c), subparagrafu 1 tal-Anness B għall-UNSCR 2231 (2015) għal reatturi b'ilma ħafif.

▼B

3. Il-paragrafu 1 ma għandux jobbliga lil Stat Membru li jirrifjuta liċ-ċittadini tiegħu stess id-dħul fit-territorju tiegħu.

4. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għal każijiet fejn Stat Membru ikun marbut b'obbligu tad-dritt internazzjonali, jiġifieri:

(i) bħala pajjiż ospitanti ta' organizzazzjoni intergovernattiva internazzjonali;

(ii) bħala pajjiż ospitanti għal konferenza internazzjonali msejħa min-Nazzjonijiet Uniti, jew taħt l-awspiċju tan-Nazzjonijiet Uniti;

(iii) taħt ftehim multilaterali li jikkonferixxi privileġġi u immunitajiet;

(iv) taħt it-Trattat ta' Konċiljazzjoni (il-Patt Lateran) tal-1929 konkluż mis-Santa Sede (Stat tal-Vatikan) u l-Italja.

5. Il-paragrafu 4 għandu jkun meqjus li japplika wkoll f'każijiet fejn Stat Membru ikun pajjiż ospitanti tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u għall-Koperazzjoni fl-Ewropa (OSKE).

6. Il-Kunsill għandu jkun debitament infurmat fil-każijiet kollha fejn Stat Membru jagħti eżenzjoni skont il-paragrafu 4 jew 5.

7. L-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mill-miżuri imposti fil-paragrafu 1 fejn huma jiddeterminaw li l-ivvjaġġar ikun ġustifikat minħabba:

(i) ħtieġa umanitarja urġenti, inklużi obbligi reliġjużi,

▼M30

(ii) it-tisħiħ tal-objettivi tal-UNSCR 2231 (2015), inkluż fejn l-Artikolu XV tal-Istatut tal-IAEA jkun applikabbli;

▼B

(iii) attendenza għal laqgħat intergovernattivi, inklużi dawk promossi mill-Unjoni, jew ospitati minn Stat Membru li jkollu l-Presidenza attwali tal-OSKE, fejn isir djalogu politiku li jippromwovi direttament id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt fl-Iran.

▼B

8. Stat Membru li jkun jixtieq jagħti l-eżenzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 7 għandu jinnotifika bil-miktub lill-Kunsill dwarhom. L-eżenzjoni għandha titqies li tkun ingħatat sakemm wieħed jew aktar Membri tal-Kunsill ma jqajmux oġġezzjoni bil-miktub fi żmien jumejn ta' xogħol min-notifika tal-eżenzjoni proposta. Fil-każ li wieħed jew aktar membri tal-Kunsill iqajmu oġġezzjoni, il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jiddeċiedi li jagħti l-eżenzjoni proposta.

▼M30

9. F'każijiet fejn skont il-paragrafi 4, 5 u 7, Stat Membru jawtorizza d-dħul jew it-transitu fit-territorju tiegħu ta' persuni inklużi fil-lista fl-Anness I, II, III jew IV, l-awtorizzazzjoni għandha tkun limitata għall-iskop li għalih tkun ingħatat u lill-persuni konċernati minn dan.

10. Stat Membru li jixtieq jagħti l-eżenzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 7(i) u (ii) għandu jissottometti l-awtorizzazzjonijiet proposti lill-Kunsill tas-Sigurtà għall-approvazzjoni.

▼B

KAPITOLU 5

IFFRIŻAR TA' FONDI U RIŻORSI EKONOMIĊI

Artikolu 20

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil, huma proprjetà ta', miżmuma jew ikkontrollati, direttament jew indirettament minn dawn li ġejjin, għandhom jiġu ffriżati:

(a) persuni u entitatjiet indikati fl-Anness għall-UNSCR 1737 (2006), persuni u entitajiet addizzjonali indikati mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat skont il-paragrafu 12 tal-UNSCR 1737 (2006) u l-paragrafu 7 tal-UNSCR 1803 (2008), kif ukoll dawk ta' individwi u entitajiet tal-IRGC u ta' entitajiet tal-IRISL indikati mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat, kif elenkati fl-Anness I;

▼M13

(b) persuni u entitajiet mhux koperti mill-Anness I li jkunu impenjati fi, assoċjati direttament ma', jew jipprovdu appoġġ għal, attivitajiet nukleari sensittivi f'termini ta' proliferazzjoni tal-Iran jew għall-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari, inkluż permezz ta' involviment fl-akkwist tal-oġġetti, merkanzija, tagħmir, materjal u teknoloġija pprojbita, jew persuni jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, jew entitajiet tagħhom jew ikkontrollati minnhom, inkluż permezz ta' mezzi illeċiti, jew persuni u entitajiet li evadew jew kisru, jew għenu lil persuni jew entitajiet indikati biex jevadu jew jiksru, id-dispożizzjonijiet tal-UNSCR 1737 (2006), UNSCR 1747 (2007), UNSCR 1803 (2008) u UNSCR 1929 (2010) jew ta' din id-Deċiżjoni, kif ukoll membri oħra u entitajiet tal-IRGC u l-IRISL u entitajiet tagħhom jew ikkontrollati minnhom jew persuni u entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew persuni u entitajiet li jipprovdu assigurazzjoni jew servizzi essenzjali oħra lill-IRGC u l-IRISL, jew lil entitajiet tagħhom jew ikkontrollati minnhom, kif elenkati fl-Anness II;

▼M9

(c) persuni jew entitajiet oħra mhux koperti mill-Anness I li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran u entitajiet ta' proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom jew li huwa assoċjati magħhom, kif elenkat fl-Anness II;

▼M30

(d) persuni u entitajiet oħra li l-Kunsill tas-Sigurtà indika li kienu involuti fi, assoċjati direttament ma', jew appoġġaw lil, l-attivitajiet nukleari tal-Iran, sensittivi f'termini ta' proliferazzjoni mwettqa b'mod kuntrarju għall-impenji tal-Iran fil-JCPOA jew l-iżvilupp ta' sistemi ta' konsenja ta' armi nukleari, inkluż permezz tal-involviment fl-akkwist ta' oġġetti, merkanzija, tagħmir, materjali u teknoloġija pprojbiti speċifikati fid-dikjarazzjoni mehmuża mal-Anness B għall-UNSCR 2231 (2015); li assistew persuni jew entitajiet indikati biex jevadu jew jaġixxu b'mod inkonsistenti mal-JCPOA jew l-UNSCR 2231 (2015); li aġixxew f'isem jew fuq ordni ta' persuni jew entitajiet indikati, jew li kienu jappartjenu lil jew ikkontrollati minn persuni jew entitajiet indikati, kif elenkati fl-Anness III;

(e) persuni u entitajiet oħra li mhumiex koperti mill-Anness III li kienu involuti fi, assoċjati direttament ma', jew appoġġaw, l-attivitajiet nukleari tal-Iran, sensittivi f'termini ta' proliferazzjoni mwettqa b'mod kuntrarju għall-impenji tal-Iran fil-JCPOA jew l-iżvilupp ta' sistemi ta' konsenja ta' armi nukleari, inkluż permezz tal-involviment fl-akkwist ta' oġġetti, merkanzija, tagħmir, materjali u teknoloġija pprojbiti speċifikati fid-dikjarazzjoni mehmuża mal-Anness B għall-UNSCR 2231 (2015) jew f'din id-Deċiżjoni; li assistew persuni jew entitajiet indikati biex jevadu jew jaġixxu b'mod inkonsistenti mal-JCPOA, l-UNSCR 2231 (2015) jew din id-Deċiżjoni; li aġixxew f'isem jew fuq ordni ta' persuni jew entitajiet indikati, jew li kienu jappartjenu lil jew ikkontrollati minn persuni jew entitajiet indikati, kif elenkati fl-Anness IV.

▼B

2. L-ebda fond jew riżors ekonomiku ma għandu jsir disponibbli, direttament jew indirettament, lill-persuni u lill-entitajiet imsemmijin fil-paragrafu 1 jew għall-benefiċċju tagħhom.

3. Jistgħu jsiru eżenzjonijiet għal fondi u riżorsi ekonomiċi li jkunu:

(a) meħtieġa sabiex jiġu sodisfatti ħtiġijiet bażiċi, inklużi ħlasijiet għal prodotti tal-ikel, kera jew ipoteka, mediċini u kura medika, taxxi, premiums ta' assigurazzjoni, u ħlasijiet għal servizzi ta' utilità pubblika;

(b) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' onorarji professjonali raġonevoli u għar-rimbors ta' spejjeż li jkunu konnessi mal-provvediment ta' servizzi legali;

(c) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' onorarji jew ħlasijiet għal servizz, skont id-dritt nazzjonali, għal servizzi ta' rutina taż-żamma jew manteniment ta' fondi ffriżati u riżorsi ekonomiċi;

▼M30

wara notifika mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kunsill tas-Sigurtà dwar l-intenzjoni li jawtorizza, fejn xieraq, aċċess għal tali fondi u riżorsi ekonomiċi u fl-assenza ta' deċiżjoni negattiva mill-Kunsill tas-Sigurtà fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol minn tali notifika.

4. Jistgħu jsiru wkoll eżenzjonijiet għal fondi u riżorsi ekonomiċi li huma:

▼M30

(a) neċessarji għal spejjeż straordinarji, wara notifika mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kunsill tas-Sigurtà u approvazzjoni minn dan tal-aħħar;

(b) is-suġġett ta' privileġġ jew ta' sentenza ġudizzjarji, amministrattivi jew arbitrali, f'liema każ il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi jistgħu jintużaw biex jissodisfaw dak il-privileġġ jew dik is-sentenza bil-kondizzjoni li l-privileġġ jew is-sentenza saru qabel id-data tal-UNSCR 1737 (2006), u ma jkunux għall-benefiċċju ta' persuna jew entità msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, wara notifika mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kunsill tas-Sigurtà;

(c) neċessarji għal attivitajiet relatati direttament mal-oġġetti speċifikati fil-paragrafu 2(c), subparagrafu 1 tal-Anness B għall-UNSCR 2231 (2015) għal reatturi b'ilma ħafif.

(d) neċessarji għall-proġetti ta' kooperazzjoni nukleari ċivili deskritti fl-Anness III tal-JCPOA, wara notifika mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kunsill tas-Sigurtà u approvazzjoni minn dan tal-aħħar;

(e) neċessarji għal attivitajiet relatati direttament mal-oġġetti speċifikati fl-Artikoli 26c u 26d, jew għal kwalunkwe attività oħra meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-JCPOA, wara notifika mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kunsill tas-Sigurtà u approvazzjoni minn dan tal-aħħar.

▼M4

4a. Fir-rigward ta' persuni u entitajiet imniżżlin fl-Anness II, eżenzjonijiet jistgħu jsiru wkoll għall-fondi u riżorsi ekonomiċi li għandhom jitħallsu fi jew minn kont ta' missjoni diplomatika jew konsulari jew organizzazzjoni internazzjonali li jgawdu immunitajiet skont il-liġi internazzjonali, safejn ħlasijiet bħal dawn ikunu intenzjonati li jiġu użati għall-għanijiet uffiċjali tal-missjoni diplomatika jew konsulari jew organizzazzjoni internazzjonali.

▼B

5. Il-Paragrafu 2 ma għandux japplika għaż-żieda ma' kontijiet iffriżati ta':

(a) imgħax jew qligħ ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew

(b) pagamenti f'kontijiet iffriżati, dovuti minn kuntratti, strumenti ta' ftehim jew obbligazzjonijiet li ġew finalizzati jew oriġinaw qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet ġew assoġġettati għall-miżuri restrittivi;

sakemm kwalunkwe imgħax, qligħ ieħor u ħlasijiet bħal dawn jibqgħu suġġetti għall-paragrafu 1.

▼M30

6. Il-paragrafu 1 ma għandux jipprevjeni lil persuna jew entità indikati milli jagħmlu ħlas dovut taħt kuntratt li sar qabel ma tali persuna jew entità jkunu ġew elenkati, dment li l-Istat Membru rilevanti jkun iddetermina li:

(a) il-kuntratt mhuwa relatat ma' ebda oġġett, materjal, tagħmir, merkanzija, teknoloġija, assistenza, taħriġ, assistenza finanzjarja, investiment, servizz ta' senserija jew servizz ipprojbiti msemmija f'din id-Deċiżjoni;

(b) il-ħlas ma jiġix riċevut direttament jew indirettament minn persuna jew entità msemmija fil-paragrafu 1,

u wara notifika mill-Istat Membru rilevanti lill-Kunsill tas-Sigurtà dwar l-intenzjoni li jagħmel jew jirċievi tali ħlasijiet jew li jawtorizza, fejn xieraq, li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi ma jibqgħux iffriżati għal dan il-għan, għaxart ijiem ta' xogħol qabel tali awtorizzazzjoni.

▼M9

7. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal:

(a) trasferiment mill-Bank Ċentrali tal-Iran, jew permezz tiegħu, ta' fondi ffriżati jew riżorsi ekonomiċi meta tali tasferiment ikollu l-għan li jipprovdi likwidità għall-finanzjament tal-kummerċ lill-istituzzjonijiet finanzjarji taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membru;

(b) ir-rimborż mill-Bank Ċentrali tal-Iran, jew permezz tiegħu, ta' pretensjonijiet dovuti taħt kuntratt jew ftehim li kien konklużminn entitajiet pubbliċi jew privati Iranjani qabel l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni,

sakemm it-trasferiment jew ir-rimborż ma jkunx ġie awtorizzat mill-Istat Membru rilevanti.

_____

11. Il-paragrafu 7 huwa mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 3, 4, 4a, 5 u 6 u għall-Artikolu 10(3) u (4).

▼M5

12. Mingħajr preġudizzju għall-eżenzjonijiet previsti f'dan l-Artikolu, huwa pprojbit li jiġu fornuti servizzi ta' messaġġi finanzjarji speċjalizzati, li huma użati għall-iskambju ta' *data* finanzjarja, lill-persuni u l-entitajiet indikati fil-paragrafu 1.

▼M9

13. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw għall-atti jew transazzjonijiet imwettqa fir-rigward ta' entitajiet elenkati fl-Anness II li għandhom drittijiet li jidderivaw minn aġġudikazzjoni oriġinali qabel is-27 ta' Ottubru 2010, minn Gvern sovran li mhux l-Iran fir-rigward ta' ftehim kondiviż għall-produzzjoni tal-gass, safejn tali atti u transazzjonijiet jirrigwardaw mal-parteċipazzjoni ta' dawk l-entitajiet f'dak il-ftehim.

▼M33

14. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal atti u transazzjonijiet imwettqa fir-rigward ta' entitajiet elenkati fl-Anness II safejn neċessarju għall-eżekuzzjoni, sat-28 ta' Jannar 2016, tal-obbligi kif imsemmi fl-Artikolu 3c(2) sakemm dawk l-atti u t-transazzjonijiet ma jkunux ġew awtorizzati minn qabel, każ b'każ, mill-Istat Membru rilevanti. L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni.

▼B

KAPITOLU 6

MIŻURI RESTRITTIVI OHRA

Artikolu 21

L-Istati Membri għandhom, konformement mal-leġislazzjoni tagħhom, jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jimpedixxu t-tagħlim jew it-taħriġ speċjalizzat ta' ċittadini Iranjani, fit-territorji tagħhom jew minn ċittadini tagħhom, ta' dixxiplini li jikkontribwixxu għall-attivitajiet nukleari sensittivi f'termini ta' proliferazzjoni tal-Iran u għall-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari.

▼B

KAPITOLU 7

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

Artikolu 22

▼M30

L-ebda pretensjoni, inkluż għal kumpens jew għal pretensjoni oħra ta' dan it-tip, bħal pretensjoni ta' tpaċija jew pretensjoni koperta minn garanzija, b'rabta ma' kwalunkwe kuntratt jew transazzjoni li t-twettiq tagħhom kien affettwat, direttament jew indirettament, kompletament jew parzjalment, minħabba miżuri deċiżi skont il-UNSCR 1737 (2006), 1747 (2007), 1803 (2008), 1929 (2010), 2231 (2015), inklużi miżuri tal-Unjoni jew kwalunkwe Stat Membru f'konformità ma', kif meħtieġ minn jew b'konnessjoni ma', l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà jew miżuri koperti mid-Deċiżjoni preżenti, ma għandha tingħata lill-persuni jew l-entitajiet indikati elenkati fl-Anness I,II, III jew IV, jew lil kwalunkwe persuna jew entità oħra fl-Iran, inkluż il-Gvern tal-Iran, jew kwalunkwe persuna jew entità li tressaq pretensjoni permezz ta' kwalunkwe persuna jew entità bħal din jew għall-benefiċċju tagħhom.

▼B

Artikolu 23

▼M30

1. Il-Kunsill għandu jimplimenta modifiki għall-Annessi I u III abbażi tad-determinazzjonijiet li jkunu saru mill-Kunsill tas-Sigurtà.

2. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'unanimità fuq proposta minn Stati Membri jew mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, għandu jistabbilixxi l-lista fl-Annessi II u IV u jadotta modifiki għaliha.

▼B

Artikolu 24

▼M30

1. Meta l-Kunsill tas-Sigurtà jelenka persuna jew entità, il-Kunsill għandu jinkludi tali persuna jew entità fl-Anness III.

2. Meta l-Kunsill jiddeċiedi li jissoġġetta persuna jew entità għall-miżuri msemmija fl-Artikoli 19(1)(b), (c) u (e) u 20(1)(b), (c) u (e), huwa għandu jemenda l-Annessi II u IV kif adattat.

▼B

3. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu lill-persuna jew entità msemmija fil-paragrafi 1 u 2, inklużi r-raġunijiet għall-elenkar, jew b'mod dirett, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż, li jipprovdi lil tali persuna jew entità opportunità li tippreżenta osservazzjonijiet.

4. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew provi sostanzjali ġodda, il-Kunsill għandu jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu u jinforma lill-persuna jew entità skont il-każ.

▼B

Artikolu 25

▼M30

1. L-Annessi I, II, III u IV għandhom jinkludu r-raġunijiet għall-elenkar ta' persuni u entitajiet elenkati, kif ipprovduti mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat fir-rigward tal-Anness I u mill-Kunsill tas-Sigurtà fir-rigward tal-Anness III.

2. L-Annessi I, II, III u IV għandhom jinkludu wkoll, fejn disponibbli, l-informazzjoni neċessarja għall-identifikazzjoni tal-persuni u l-entitajiet ikkonċernati, kif ipprovduta mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat fir-rigward tal-Anness I, jew mill-Kunsill tas-Sigurtà fir-rigward tal-Anness III. Fir-rigward tal-persuni, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet inkluż il-psewdonimi, id-data u l-post tat-twelid, in-nazzjonalità, in-numri tal-passaport u tal-ID, is-sess, l-indirizz, jekk magħruf u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward tal-entitajiet tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-post tan-negozju. L-Annessi I, II, III u IV għandhom jinkludu wkoll id-data tal-indikazzjoni.

▼B

Artikolu 26

1. Din id-Deċiżjoni għandha tiġi riveduta, emendata jew imħassra, skont il-każ, speċjalment fid-dawl ta' deċiżjonijiet rilevanti mill-Kunsill tas-Sigurtà.

▼M4

2. Il-miżuri li jikkonċernaw il-projbizzjoni tal-importazzjoni, ix-xiri u t-trasport ta' żejt mhux maħdum u prodotti petroliferi Iranjani fl-Artikolu 3a ser jiġu rrieżaminati mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2012, partikolarment b'kont dovut meħud tad-disponibbiltà u l-kondizzjonijiet finanzjarji għall-provvista ta' żejt mhux maħdum u prodotti petroliferi prodotti f'pajjiżi barra mill-Iran, bil-ħsieb li tiġi żgurata l-kontinwità tal-provvista tal-enerġija tal-Istati Membri.

3. Il-miżuri msemmijin fl-Artikoli 19(1)(b) u (c) u 20(1)(b) u (c) għandhom jiġu rrieżaminati f'intervalli regolari u mill-anqas kull 12-il xahar. Il-miżuri ma għandhomx jibqgħu japplikaw fir-rigward tal-persuni u l-entitajiet konċernati jekk il-Kunsill jiddetermina, konformement mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 24, li l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħhom ma jkunux aktar sodisfatti.

▼M30

4. Il-miżuri msemmija fl-Artikoli 19(1)(a), 20(1)(a), 20(2) u 20(12), sa fejn japplikaw għall-persuni u l-entitajiet elenkati fl-Anness V, għandhom jiġu sospiżi.

5. Il-miżuri msemmija fl-Artikoli 19(1)(b) u (c), 20(1)(b) u (c), 20(2) u 20(12), sa fejn japplikaw għall-persuni u l-entitajiet elenkati fl-Anness VI, għandhom jiġu sospiżi.

Artikolu 26a

1. Il-miżuri stipulati fl-Artikoli 1(1)(a), (b), (d) u (e), l-Artikoli 2, 3, 3a, 3b, 3c, 3d, 3e, 4, 4a, 4b, 4c, 4d, 4e, 4f, 4g, 4h, 4i, 4j, 5, 6, 6a, 7, 8, 8a, 9, 10, 11, 12, 13, 14, 16, 17, 18a, 18b, l-Artikoli 20(7), 20(11), 20(13), 20(14), l-Artikoli 21 u 26b għandhom jiġu sospiżi.

▼**M28**

Artikolu 26b

1. Il-miżuri imposti minn din id-Deċiżjoni ma għandhomx japplikaw għall-provvista, il-bejgħ, jew it-trasferimenti ta' oġġetti, materjali, tagħmir, merkanzija u teknoloġija, jew il-provvista ta' kwalunkwe assistenza teknika relatata, taħriġ, assistenza finanzjarja, investiment, senserija jew servizzi oħra, mill-Istati parteċipanti tal-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt PAKK jew l-Istati Membri tan-NU li jaġixxu f'koordinazzjoni magħhom, li hija relatata direttament ma':

(a) il-modifika ta' żewġ kaskati fil-faċilità ta' Fordow għall-produzzjoni stabbli ta' isotopi;

(b) l-esportazzjoni ta' uranju arrikkit tal-Iran 'il fuq minn 300 kilogramma bi skambju għal uranju naturali; jew

(c) l-immodernizzar tar-reattur Arak abbażi tad-disinn kunċettwali miftiehem u, sussegwentement, abbażi tad-disinn finali miftiehem ta' reattur bħal dan.

2. L-Istati Membri involuti fl-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiżguraw li:

(a) l-attivitajiet kollha bħal dawn isiru strettament f'konformità mal-PAKK;

(b) jinnotifikaw lill-Kumitat u, meta kkostitwita f'konformità mal-PAKK, lill-Kummissjoni Konġunta, jew lill-Istati Membri l-oħra, kif adatt, għaxart ijiem qabel attivitajiet bħal dawn;

(c) jintlaħqu r-rekwiżiti, skont il-każ, speċifikati fis-subparagrafu 22(c) tal-UNSCR 2231 (2015);

(d) jkunu kisbu u jkunu fil-pożizzjoni li jeżerċitaw b'mod effettiv dritt li jivverifikaw l-użu aħħari u l-post tal-użu aħħari ta' kwalunkwe oġġett provdut; u

(e) fil-każ tal-provvista ta' oġġetti, materjali, tagħmir, merkanzija u teknoloġija speċifikata fis-subparagrafu 22(e) tal-UNSCR 2231 (2015), jinnotifikaw ukoll lill-IAEA fi żmien għaxart ijiem mill-provvista, bejgħ jew trasferimenti.

3. Il-miżuri imposti minn din id-Deċiżjoni ma għandhomx japplikaw sakemm mhux meħtieġ li jsiru trasferimenti u attivitajiet, kif approvati minn qabel skont xi jkun il-każ mill-Kumitat jew l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru rilevanti, kif adatt, li huma:

(a) relatati direttament mal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet relatati mannukleari speċifikati fil-paragrafi 15.1 sa 15.11 tal-Anness V tal-PAKK;

(b) meħtieġa għat-tħejjija għall-implimentazzjoni tal-PAKK; jew

(c) determinati mill-Kumitat, kif adatt, biex ikunu konsistenti mal-objettivi tal-UNSCR 2231 (2015).

L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn b'kull approvazzjoni.

▼**M30**

Artikolu 26c

1. Il-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment diretti jew indiretti lill-Iran, jew għall-użu f'dan il-pajjiż, jew għall-benefiċċju tiegħu, minn ċittadini ta' Stati Membri jew bi transitu mit-territorji tal-Istati Membri, jew bl-użu ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom, tal-oġġetti, materjali, tagħmir, merkanzija u teknoloġija li ġejjin, sew jekk joriġinaw mit-territorji tagħhom u sew jekk le, għandhom ikunu soġġetti għal approvazzjoni każ b'każ mill-Kunsill tas-Sigurtà:

(a) l-oġġetti, il-materjali, it-tagħmir, il-merkanzija u t-teknoloġija kollha li jinsabu fil-lista tal-Grupp ta' Fornituri Nukleari;

(b) kwalunkwe oġġett ieħor jekk l-Istat Membru jiddetermina li dan jista' jikkontribwixxi għal attivitajiet relatati mal-ipproċessar mill-ġdid jew l-arrikkiment jew l-ilma tqil inkonsistenti mal-JCPOA.

2. Ir-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux japplika għall-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment lill-Iran ta' tagħmir imsemmi fil-paragrafu 2(c), subparagrafu 1 tal-Anness B għall-UNSCR 2231 (2015) għal reatturi b'ilma ħafif.

3. L-Istati Membri involuti fl-attivitajiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiżguraw li:

(a) jiġu ssodisfatti, fejn xieraq, ir-rekwiżiti tal-Linji gwida kif jinsabu fil-lista tal-Grupp ta' Fornituri Nukleari;

(b) jkunu kisbu u jkunu f'pożizzjoni li jeżerċitaw b'mod effettiv dritt li jivverifikaw l-użu aħħari u l-post tal-użu aħħari ta' kwalunkwe oġġett fornut;

(c) jinnotifikaw, fejn xieraq, lill-Kunsill tas-Sigurtà fi żmien għaxart ijiem mill-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment; u

(d) fil-każ ta' oġġetti, materjali, tagħmir, merkanzija u teknoloġija fornuti inklużi fil-lista tal-Grupp ta' Fornituri Nukleari, jinnotifikaw ukoll lill-IAEA fi żmien għaxart ijiem mill-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment.

4. Ir-rekwiżit fil-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' oġġetti, materjali, tagħmir, merkanzija u teknoloġija u lanqas għall-provvediment ta' kwalunkwe assistenza jew taħriġ tekniku, assistenza finanzjarja, investiment, senserija jew servizzi oħra relatati magħhom, li huwa direttament relatat ma':

(a) il-modifika neċessarja ta' żewġ kaskati fil-faċilità ta' Fordow għall-produzzjoni stabbli ta' isotopi;

(b) l-esportazzjoni tal-uranju arrikkit tal-Iran li jmur 'il hinn minn 300 kilogramma bi skambju għal uranju naturali; jew

(c) l-immodernizzar tar-reattur Arak abbażi tad-disinn kunċettwali maqbul u, sussegwentement, abbażi tad-disinn finali maqbul ta' tali reattur,

sakemm l-Istati Membri jiżguraw li:

(d) l-attivitajiet kollha bħal dawn jitwettqu strettament f'konformità mal-JCPOA;

(e) jinnotifikaw lill-Kunsill tas-Sigurtà u l-Kummissjoni Konġunta għaxart ijiem qabel tali attivitajiet;

▼M30

(f) jiġu ssodisfatti, fejn xieraq, ir-rekwiżiti tal-Linji gwida kif jinsabu fil-lista tal-Grupp ta' Fornituri Nukleari;

(g) jkunu kisbu u jkunu fil-pożizzjoni li jeżerċitaw b'mod effettiv dritt li jivverifikaw l-użu aħħari u l-post tal-użu aħħari ta' kwalunkwe oġġett provdut; u

(h) f'każ ta' oġġetti, materjali, tagħmir, merkanzija u teknoloġija fornuti inklużi fil-lista tal-Grupp ta' Fornituri Nukleari, jinnotifikaw ukoll lill-IAEA fi żmien għaxart ijiem mill-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment.

5. L-għoti ta' assistenza jew taħriġ tekniku, finanzjament jew assistenza finanzjarja, investiment, senserija jew servizzi oħra, relatati malforniment, il-bejgħ, it-trasferiment, il-manifattura jew l-użu tal-oġġetti, materjali, tagħmir, merkanzija u teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fl-Iran, jew għall-użu f'dan il-pajjiż, għandhom ikunu soġġetti għal approvazzjoni każ b'każ mill-Kunsill tas-Sigurtà.

6. L-investiment fit-territorji taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri mill-Iran, iċ-ċittadini tiegħu, jew entitajiet inkorporati fl-Iran jew soġġetti għall-ġurisdizzjoni tiegħu, jew minn persuni jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew fuq l-ordni tagħhom, jew minn entitajiet li jappartjenu lilhom jew huma kkontrollati minnhom fi kwalunkwe attività li tinvolvi l-estrazzjoni tal-uranju, jew il-produzzjoni jew l-użu ta' materjali nukleari kif elenkati fil-Parti 1 tal-lista tal-Grupp ta' Fornituri Nukleari għandu jkun soġġett għal approvazzjoni każ b'każ mill-Kunsill tas-Sigurtà.

7. L-akkwist minn ċittadini ta' Stati Membri, jew bl-użu tal-bastimenti jew l-inġenji tal-ajru li jtajru l-bandiera tagħhom, tal-oġġetti, materjali, tagħmir, merkanzija u teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 mill-Iran għandu jkun soġġett għal approvazzjoni każ b'każ mill-Kumissjoni Konġunta, sew jekk joriġinaw mit-territorju tal-Iran u sew jekk le.

8. L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra dwar kwalunkwe approvazzjoni mogħtija f'konformità ma' dan l-Artikolu jew dwar attivitajiet imwettqa skontu.

Artikolu 26d

1. Il-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment dirett jew indirett lill-Iran, jew għall-użu f'dan il-pajjiż, jew għall-benefiċċju tiegħu, minn ċittadini ta' Stati Membri, jew bi transitu mit-territorji tal-Istati Membri, jew bl-użu ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom, tal-oġġetti, materjali, tagħmir, merkanzija u teknoloġija mhux koperti mill-Artikolu 26c jew l-Artikolu 26e, li jistgħu jikkontribwixxu għal attivitajiet relatati mal-ipproċessar mill-ġdid jew l-arrikkiment jew l-ilma tqil jew attivitajiet oħra inkonsistenti mal-JCPOA, għandhom ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni każ b'każ mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li qiegħed jesporta, sew jekk joriġinaw mit-territorji tagħhom u sew jekk le.

L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu koperti minn din id-dispożizzjoni.

2. Ir-rekwiżit fil-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment lill-Iran ta' tagħmir imsemmi f'dak il-paragrafu għal reatturi b'ilma ħafif.

▼M30

3. L-Istati Membri involuti fl-attivitajiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiżguraw li jkunu kisbu u jkunu fil-pożizzjoni li jeżerċitaw b'mod effettiv dritt li jivverifikaw l-użu aħħari u l-post tal-użu aħħari ta' kwalunkwe oġġett provdut.

4. L-Istati Membri involuti fl-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiżguraw lijinnotifikaw lill-Istati Membri l-oħra fi żmien għaxart ijiem minn tali attivitajiet.

5. Ir-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' oġġetti, materjali, tagħmir, merkanzija u teknoloġija, u lanqas għall-provvediment ta' kwalunkwe assistenza jew taħriġ tekniku, assistenza finanzjarja, investiment, senserija jew servizzi oħra relatati magħhom, li huwa direttament relatat ma':

(a) il-modifika neċessarja ta' żewġ kaskati fil-faċilità ta' Fordow għall-produzzjoni stabbli ta' isotopi;

(b) l-esportazzjoni tal-uranju arrikkit tal-Iran li jmur 'il hinn minn 300 kilogramma bi skambju ma' uranju naturali; jew

(c) l-immodernizzar tar-reattur Arak abbażi tad-disinn kunċettwali maqbul u, sussegwentement, abbażi tad-disinn finali maqbul ta' tali reattur;

dment li l-Istati Membri jiżguraw li:

(d) l-attivitajiet kollha bħal dawn isiru strettament f'konformità mal-JCPOA;

(e) huma jinnotifikaw lill-Istati Membri l-oħra għaxart ijiem qabel tali attivitajiet; u

(f) jkunu kisbu u jkunu f'pożizzjoni li jeżerċitaw b'mod effettiv dritt li jivverifikaw l-użu aħħari u l-post tal-użu aħħari ta' kwalunkwe oġġett fornut.

6. L-għoti ta' assistenza jew taħriġ tekniku, finanzjament jew assistenza finanzjarja, investiment, senserija jew servizzi oħra, relatati mal-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment, il-manifattura jew l-użu tal-oġġetti, materjali, tagħmir, merkanzija u teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fl-Iran, jew għall-użu f'dan il-pajjiż, għandhom ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni każ b'każ mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru rilevanti.

7. L-investiment fit-territorji taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri mill-Iran, iċ-ċittadini tiegħu, jew entitajiet inkorporati fl-Iran jew soġġetti għall-ġurisdizzjoni tiegħu, jew minn persuni jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew fuq l-ordni tagħhom, jew minn entitajiet li jappartjenu lilhom jew huma kkontrollati minnhom fi kwalunkwe attività kummerċjali li tinvolvi teknoloġiji msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għal awtorizzazzjoni każ b'każ mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru rilevanti.

8. L-akkwist minn ċittadini ta' Stati Membri, jew bl-użu tal-bastimenti jew l-inġenji tal-ajru li jtajru l-bandiera tagħhom, tal-oġġetti, materjali, tagħmir, merkanzija u teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 mill-Iran għandu jkun soġġett għal approvazzjoni, każ b'każ, mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru rilevanti, sew jekk joriġinaw fit-territorju tal-Iran u sew jekk le.

▼**M30**

9. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ma għandhom jagħtu l-ebda awtorizzazzjoni għall-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-akkwist tal-oġġetti, materjali, tagħmir, merkanzija u teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jekk jiddeterminaw li l-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-akkwist ikkonċernati jew l-għoti tas-servizz ikkonċernat jikkontribwixxu għal attivitajiet inkonsistenti mal-JCPOA.

10. L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra dwar l-intenzjoni tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni skont dan l-Artikolu mill-inqas għaxart ijiem minn qabel.

Artikolu 26e

1. Il-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment diretti jew indiretti lill-Iran, jew għall-użu f'dan il-pajjiż, jew għall-benefiċċju tiegħu, minn ċittadini ta' Stati Membri, jew bi transitu mit-territorji tal-Istati Membri, jew bl-użu ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom, ta' oġġetti, materjali, tagħmir, merkanzija u teknoloġija li jinsabu fil-lista tas-Sistema ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili jew ta' kwalunkwe oġġett addizzjonali li jista' jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' sistemi ta' konsenja ta' armi nukleari għandhom jiġu pprojbiti, sew jekk joriġinaw mit-territorji tagħhom u sew jekk le.

L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu koperti minn din id-dispożizzjoni.

2. Għandu jiġi pprojbit ukoll li:

(a) jingħataw assistenza jew taħriġ tekniku, investiment jew servizzi ta' senserija relatati ma' oġġetti, materjali, tagħmir, merkanzija u teknoloġija kif jidhru fil-paragrafu 1 u mal-provvediment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawn l-oġġetti, materjali, tagħmir, merkanzija u teknoloġija, direttament jew indirettament, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fl-Iran, jew għall-użu f'dan il-pajjiż;

(b) jingħataw finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1, inklużi b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni fuq il-krediti għall-esportazzjoni, għal kwalunkwe forniment, bejgħ, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawn l-oġġetti u t-teknoloġiji, jew għall-għoti ta' assistenza jew taħriġ tekniku, servizzi jew assistenza relatati magħhom, direttament jew indirettament, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fl-Iran, jew għall-użu f'dan il-pajjiż;

(c) ikun hemm parteċipazzjoni, konsapevoli jew intenzjonata, f'attivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom ikun li tiġi evitata l-projbizzjoni msemmija fil-punti (a) u (b);

(d) isir xi investiment fit-territorji taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri mill-Iran, iċ-ċittadini tiegħu, jew entitajiet inkorporati fl-Iran jew soġġetti għall-ġurisdizzjoni tiegħu, jew minn persuni jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew fuq l-ordni tagħhom, jew minn entitajiet li jappartjenu lilhom jew huma kkontrollati minnhom fi kwalunkwe attività li tinvolvi teknoloġiji msemmija fil-paragrafu 1.

3. L-akkwist minn ċittadini ta' Stati Membri, jew bl-użu ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru li jtajru l-bandiera tagħhom, tal-oġġetti, materjali, tagħmir, merkanzija u teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 mill-Iran għandu jkun ipprojbit, sew jekk joriġinaw fit-territorju tal-Iran u sew jekk le.

▼**M30**

Artikolu 26f

1. Il-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment lill-Iran, minn ċittadini ta' Stati Membri, jew mit-territorji tal-Istati Membri, jew bl-użu ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom, ta' grafit u ta' metalli mhux maħduma jew parzjalment maħduma, bħall-aluminju u l-azzar, għandhom ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li qiegħed jesporta, sew jekk joriġinaw mit-territorji tagħhom u sew jekk le.

L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu koperti minn din id-dispożizzjoni.

2. L-għoti ta':

(a) assistenza jew taħriġ tekniku u servizzi oħra relatati mal-punti msemmija fil-paragrafu 1;

(b) finanzjament jew assistenza finanzjarja għal kwalunkwe forniment, bejgħ, jew trasferiment ta' oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 jew għall-provvediment ta' assistenza u taħriġ tekniċi relatati,

għandu wkoll ikun soġġett għal awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rilevanti.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ma għandhom jagħtu l-ebda awtorizzazzjoni għall-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment tal-oġġetti, materjali, tagħmir, merkanzija u teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jekk:

(a) huma jiddeterminaw li il-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment ikkonċernati jew l-għoti tas-servizz ikkonċernat:

(i) jikkontribwixxu għal attivitajiet relatati mal-ipproċessar mill-ġdid jew l-arrikkiment jew l-ilma tqil jew attivitajiet oħra relatati ma' kwistjonijiet nukleari inkonsistenti mal-JCPOA;

(ii) jikkontribwixxu għall-programm militari jew dak tal-missili ballistiċi tal-Iran; jew

(iii) jibbenefikaw direttament jew indirettament lill-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iranjani;

(b) il-kuntratti għall-konsenja ta' tali oġġetti jew assistenza ma jinkludux garanziji adatti għall-utent aħħari.

4. L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra dwar l-intenzjoni tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni skont dan l-Artikolu mill-inqas għaxart ijiem minn qabel.

Artikolu 26g

1. Il-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment lill-Iran, minn ċittadini ta' Stati Membri, jew mit-territorji tal-Istati Membri, jew bl-użu ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom, ta' software għall-integrazzjoni ta' proċessi industrijali, għandhom ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li qiegħed jesporta, sew jekk joriġinaw mit-territorji tagħhom u sew jekk le.

L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu koperti minn din id-dispożizzjoni.

2. L-għoti ta':

(a) assistenza jew taħriġ tekniku u servizzi oħra relatati mal-punti msemmija fil-paragrafu 1;

▼M30

(b) finanzjament jew assistenza finanzjarja għal kwalunkwe forniment, bejgħ, jew trasferiment ta' oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 jew għall-provvediment ta' assistenza u taħriġ tekniċi relatati,

għandu wkoll ikun soġġett għal awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rilevanti.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ma għandhom jagħtu l-ebda awtorizzazzjoni għall-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment tal-oġġetti, materjali, tagħmir, merkanzija u teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jekk:

(a) huma jiddeterminaw li l-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment ikkonċernati jew l-għoti tas-servizz ikkonċernat:

(i) jikkontribwixxu għal attivitajiet relatati mal-ipproċessar mill-ġdid jew l-arrikkiment jew l-ilma tqil jew attivitajiet oħra relatati ma' kwistjonijiet nukleari inkonsistenti mal-JCPOA;

(ii) jikkontribwixxu għall-programm militari jew dak tal-missili ballistiċi tal-Iran; jew

(iii) jibbenefikaw direttament jew indirettament lill-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iranjani.

(b) il-kuntratti għall-konsenja ta' tali oġġetti jew assistenza ma jinkludux garanziji adatti għall-utent aħħari.

4. L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra bl-intenzjoni tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni skont dan l-Artikolu mill-inqas għaxart ijiem minn qabel.

▼B

Artikolu 27

Il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK hija b'dan irrevokata.

Artikolu 28

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

▼B

ANNESS I

Lista tal-persuni msemmija fl-Artikolu 19(1)(a) u tal-persuni u l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 20(1)(a)

A. **Persuni u entitajiet involuti f'attivitajiet fir-rigward ta' missili nukleari jew ballistiċi**

Persuni fiżiċi

(1) Fereidoun Abbasi-Davani. Informazzjoni oħra: Xjenzjat Anzjan mal-Ministeru tad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL), b'rabtiet mal-Istitut tal-Fiżika Applikata. Jaħdem mill-qrib ma' Mohsen Fakhrizadeh-Mahabadi.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(2) Dawood Agha-Jani. Funzjoni: Kap tal-PFEP - Natanz. Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm nukleari tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(3) Ali Akbar Ahmadian. Titolu: Viċi Ammiral. Funzjoni: Kap tal-Korpi tal-Gwardji Rivoluzzjonarji Iranjani (IRGC) Persunal Konġunt.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(4) Amir Moayyed Alai. Informazzjoni oħra: involut fil-ġestjoni tal-assemblaġġ u l-inġinerija taċ-ċentrifugi.

Data tal-indikazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (NU: 3.3.2008).

(5) Behman Asgarpour. Funzjoni: Maniġer Operattiv (Arak). Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm nukleari tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(6) Mohammad Fedai Ashiani. Informazzjoni oħra: involut fil-produzzjoni tal-karbonat tal-uranil tal-ammonju u l-ġestjoni tal-kumpless ta' arrikkiment ta' Natanz.

Data tal-indikazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (NU: 3.3.2008).

(7) Abbas Rezaee Ashtiani. Informazzjoni oħra: uffiċjal anzjan fl-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Esplorazzjoni u t-Tħaffir tal-Minjieri tal-AEOI.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(8) Bahmanyar Morteza Bahmanyar. Funzjoni: Kap tad-Dipartiment tal-Finanzi u l-Baġit, Aerospace Industries Organisation (AIO). Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm tal-missili ballistiċi tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(9) Haleh Bakhtiar. Informazzjoni oħra: involut fil-produzzjoni tal-manjesju f'konċentrazzjoni ta' 99,9 %.

Data tal-indikazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (NU: 3.3.2008).

(10) Morteza Behzad. Informazzjoni oħra: involut fil-fabbrikazzjoni ta' komponenti taċ-ċentrifugi.

Data tal-indikazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (NU: 3.3.2008).

(11) Ahmad Vahid Dastjerdi. Funzjoni: Kap tal-Aerospace Industries Organisation (AIO). Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm tal-missili ballistiċi tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(12) Ahmad Derakhshandeh. Funzjoni: President u Direttur Maniġerjali tal-Bank Sepah.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(13) Mohammad Eslami. Titolu: Dr. Informazzjoni oħra: Kap tad-Defence Industries Training and Research Institute.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

▼B

(14) Reza-Gholi Esmaeli. Funzjoni: Kap tad-Dipartiment tal-Kummerċ u l-Affarijiet Internazzjonali, Aerospace Industries Organisation (AIO). Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm tal-missili ballistiċi tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(15) Mohsen Fakhrizadeh-Mahabadi. Informazzjoni oħra: Xjenzjat anzjan tal-MODAFL u eks kap taċ-Ċentru tar-Riċerka Fiżika (PHRC).

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(16) Mohammad Hejazi. Titolu: Brigadier Ġenerali. Funzjoni: Kmandant tal-forza ta' reżistenza ta' Bassij.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(17) Mohsen Hojati. Funzjoni: Kap tal-Fajr Industrial Group.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(18) Seyyed Hussein Hosseini. Informazzjoni oħra: Uffiċjal tal-AEOI involut fil-proġett ta' reattur ta' riċerka b'ilma tqil f'Arak.

Data tal-indikazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (UN: 3.3.2008).

(19) M. Javad Karimi Sabet. Informazzjoni oħra: Kap tan-Novin Energy Company, indikata fir-riżoluzzjoni 1747 (2007).

Data tal-indikazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (UN: 3.3.2008).

(20) Mehrdada Akhlaghi Ketabachi. Funzjoni: Kap tas-Shahid Bagheri Industrial Group (SBIG).

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(21) Ali Hajinia Leilabadi. Funzjoni: Direttur Ġenerali tal-Mesbah Energy Company. Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm nukleari tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(22) Naser Maleki. Funzjoni: Kap tax-Shahid Hemmat Industrial Group (SHIG). Informazzjoni oħra: Naser Maleki huwa wkoll uffiċjal tal-MODAFL li jissorvelja xogħol fuq il-programm tal-missili ballistiċi Shahab-3. Is-Shahab-3 hija l-missila ballistika ta' medda twila tal-Iran attwalment fis-servizz.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(23) Hamid-Reza Mohajerani. Informazzjoni oħra: involut fil-ġestjoni tal-produzzjoni tal-Faċilità għall-Konverżjoni tal-Uranju (UCF) f'Esfahan.

Data tal-indikazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (NU: 3.3.2008).

(24) Jafar Mohammadi. Funzjoni: Konsulent Tekniku għall-Organizzazzjoni tal-Enerġija Atomika tal-Iran (AEOI) (inkarigat mill-ġestjoni tal-produzzjoni ta' valvijiet għaċ-ċentrifugi). Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm nukleari tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(25) Ehsan Monajemi. Funzjoni: Maniġer tal-Proġett ta' Kostruzzjoni, Natanz. Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm nukleari tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(26) Mohammad Reza Zahedi. Titolu: Brigadier Ġenerali. Informazzjoni oħra: eks Viċi Kap tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati għal-Loġistika u r-Riċerka Industrijali/Kap tal-Kwartieri Ġenerali tal-Istat Kontra l-Kuntrabandu, impenjat fi sforzi biex jiġu evitati s-sanzjonijiet imposti bir-riżoluzzjonijiet 1737 (2006) u 1747 (2007).

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(27) Houshang Nobari. Informazzjoni oħra: Involut fil-ġestjoni tal-kumpless għall-arrikkiment ta' Natanz.

Data tal-indikazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (NU: 3.3.2008).

▼B

(28) Mohammad Mehdi Nejad Nouri. Titolu: Ten Ġen. Funzjoni: Rettur tal-Università Malek Ashtar għat-Teknoloġija tad-Difiża. Informazzjoni oħra: Id-dipartiment tal-kimika tal-Università ta' Ashtar għat-Teknoloġija tad-Difiża huwa affiljat mal-MODALF u wettaq esperimenti bil-berillju. Persuna involuta fil-programm nukleari tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(29) Mohammad Qannadi. Funzjoni: Viċi President tal-AEOI għar-Riċerka u l-Iżvilupp. Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm nukleari tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(30) Amir Rahimi. Funzjoni: Kap taċ-Ċentru ta' Riċerka u Produzzjoni ta' Fjuwil Nukleari ta' Esfahan. Informazzjoni oħra: Iċ-Ċentru ta' Riċerka u Produzzjoni ta' Fjuwil Nukleari ta' Esfahan huwa parti mill-Kumpannija ta' Produzzjoni u Akkwist ta' Karburant Nukleari tal-AEOI, li hija involuta f'attivitajiet relatati mal-arrikkiment.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(31) Javad Rahiqi: Funzjoni: Kap tal-Organizzazzjoni għall-Enerġija Atomika tal-Iran (AEOI) Ċentru għat-Teknoloġija Nukleari ta' Esfahan (Informazzjoni addizzjonali: DtT: 24 ta' April 1954; PtT: Marshad).

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010 (EU: 24.4.2007).

(32) Abbas Rashidi. Informazzjoni oħra: involut f'ħidma ta' arrikkiment f'Natanz.

Data tal-indikazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (NU: 3.3.2008).

(33) Morteza Rezaie. Titolu: Brigadier Ġenerali. Funzjoni: Viċi Kmandant tal-IRGC.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(34) Morteza Safari. Titolu: Viċi Ammiral. Funzjoni: Kmandant tal-qawwa Navali tal-IRGC.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(35) Yahya Rahim Safavi. Titolu: Maġġ Ġen. Funzjoni: Kmandant, IRGC (Pasdaran). Informazzjoni oħra: Persuna involuta kemm fil-programm tal-missili ballistiċi kif ukoll dak nukleari tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(36) Seyed Jaber Safdari. Informazzjoni oħra: Maniġer tal-Faċilitajiet ta' Arrikkiment ta' Natanz.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(37) Hosein Salimi. Titolu: Ġeneral. Funzjoni: Kmandant tal-Forza tal-Ajru, IRGC (Pasdaran). Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm tal-missili ballistiċi tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(38) Qasem Soleimani. Titolu: Brigadier Ġenerali. Funzjoni: Kmandant tal-forza Qods.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(39) Ghasem Soleymani. Informazzjoni oħra: Direttur tal-Operazzjonijiet ta' Tħaffir tal-Minjieri tal-Uranju fil-Minjiera tal-Uranju ta' Saghand.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(40) Mohammad Reza Zahedi. Titolu: Brigadier Ġenerali. Funzjoni: Kmandant tal-Forzi tal-Art tal-IRGC.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(41) General Zolqadr. Funzjoni: Viċi Ministru tal-Intern għall-Affarijiet tas-Sigurtà, uffiċjal tal-IRGC.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

▼M8

(42) Azim Aghajani (spelluta wkoll: Adhajani). Funzjoni: Membru tal-IRGC-Qods Force li topera taħt id-direzzjoni tal-Kmandant tal-Qods Force, il-Maġġur Ġenerali Qasem Soleimani, li kien indikat mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fir-Riżoluzzjoni 1747 (2007).

Informazzjoni oħra: iffaċilita ksur tal-paragrafu 5 tar-Riżoluzzjoni 1747 (2007) li tipprojbixxi l-esportazzjoni ta' armi u materjal relatat mill-Iran.

Aktar informazzjoni: Nazzjonalità: Iran. Numru tal-Passaport: 6620505, 9003213

Data tal-indikazzjoni min-NU: 18 ta' April 2012

(43) Ali Akbar Tabatabaei (psewdonomu: Sayed Akbar Tahmaesebi). Funzjoni: Membru tal-IRGC-Qods Force li topera taħt id-direzzjoni tal-Kmandant tal-Qods Force, il-Maġġur Ġenerali Qasem Soleimani, li kien indikat mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fir-Riżoluzzjoni 1747 (2007).

Informazzjoni oħra: iffaċilita ksur tal-paragrafu 5 tar-Riżoluzzjoni 1747 (2007) li tipprojbixxi l-esportazzjoni ta' armi u materjal relatat mill-Iran.

Aktar informazzjoni: Nazzjonalità: Iran. Data tat-twelid: 1967

Data tal-indikazzjoni min-NU: 18 ta' April 2012

▼B

Entitajiet

(1) Abzar Boresh Kaveh Co. (alias BK Co.). Informazzjoni oħra: involut fil-produzzjoni ta' komponenti taċ-ċentrifugi.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(2) Amin Industrial Complex: L-Amin Industrial Complex fittex kontrolluri tat-temperatura li jistgħu jintużaw fir-riċerka nukleari u fil-faċilitajiet operazzjonali/ta' produzzjoni. L-Amin Industrial Complex huwa ta' proprjetà jew ikkontrollat minn, jew jaġixxi f'isem, l-Organizzazzjoni tal-Industriji tad-Difiża (DIO), li ġiet indikata fir-riżoluzzjoni 1737 (2006).

Post: Box 91735-549, Mashad, Iran; Amin Industrial Estate, Khalage Rd., Seyedi District, Mashad, Iran; Kaveh Complex, Khalaj Rd., Seyedi St., Mashad, Iran

Magħruf ukoll bħala: Amin Industrial Compound u Amin Industrial Company.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(3) Ammunition and Metallurgy Industries Group (alias (a) AMIG, (b) Ammunition Industries Group). Informazzjoni oħra: (a) L-AMIG jikkontrolla l-entità 7th of Tir, (b) L-AMIG huwa l-proprjetà tal-Organizzazzjoni tal-Industriji tad-Difiża (DIO) u huwa kkontrollat minnha.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(4) Armament Industries Group: L-Armament Industries Group (AIG) jimmanifattura u jikkura varjetà ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir, inklużi snieter ta' kalibru kbir u medju u t-teknoloġija relatata. L-AIG imexxi l-parti l-kbira tal-attività ta' akkwist tiegħu permezz tal-Kumpless tal-Industriji ta' Hadid.

Post: Sepah Islam Road, Karaj Special Road Km 10, Iran; Pasdaran Ave., P.O. Box 19585/777, Tehran, Iran.

Data tal-indikazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (NU: 9.6.2010).

(5) Organizzazzjoni tal-Enerġija Atomika tal-Iran (AEOI). Informazzjoni oħra: Involuta fil-programm nukleari tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(6) Bank Sepah and Bank Sepah International. Informazzjoni oħra: Il-Bank Sepah jipprovdi appoġġ lill-Aerospace Industries Organisation (AIO) u lis-subordinati, inkluż ix-Shahid Hemmat Industrial Group (SHIG) u x-Shahid Bagheri Industrial Group (SBIG).

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

▼B

(7) Barzagani Tejarat Tavanmad Saccal companies. Informazzjoni oħra: (a) Kumpanija sussidjarja ta' Saccal System companies,(b) din il-kumpanija ppruvat tixtri oġġetti sensittivi għal entità elenkata fir-riżoluzzjoni 1746 (2006).

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(8) Cruise Missile Industry Group (alias Naval Defence Missile Industry Group).

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(9) Organizzazzjoni tal-Industriji tad-Difiża (DIO). Informazzjoni oħra: Entità globali kkontrollata mill-MODAFL, li xi wħud mis-subordinati tagħha kienu involuti fil-produzzjoni ta' komponenti għall-programm taċ-ċentrifugi, u fil-programm missilistiku, (b) Involuta fil-programm nukleari tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(10) Ċentru tat-Teknoloġija tad-Difiża u r-Riċerka Xjentifika: Iċ-Ċentru tat-Teknoloġija tad-Difiża u r-Riċerka Xjentifika (DTSRC) huwa ta' proprjetà jew ikkontrollat minn, jew jaġixxi f'isem il-Ministeru tad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL), li jissorvelja r-R&Ż, il-produzzjoni, il-manteniment, l-esportazzjoni u l-akkwist tad-difiża tal-Iran.

Post: Pasdaran Ave, PO Box 19585/777, Tehran, Iran.

Data tal-indikazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (NU: 9.6.2010).

(11) Doostan International Company: Doostan International Company (DICO) tfornixxi elementi għall-programm ballistiku missilistiku tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(12) Electro Sanam Company (alias (a) E. S. Co., (b) E. X. Co.). Informazzjoni oħra: Kumpannija fittizja tal-AIO, involuta fil-programm tal-missili ballistiċi.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(13) Iċ-Ċentru ta' Riċerka u Produzzjoni ta' Karburant Nukleari ta' Esfahan (NFRPC) u ċ-Ċentru tat-Teknoloġija Nukleari ta' Esfahan (ENTC). Informazzjoni oħra: Dawn jagħmlu parti min-Nuclear Fuel Production and Procurement Company tal-Organizzazzjoni tal-Enerġija Atomika tal-Iran (AEOI).

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(14) Ettehad Technical Group. Informazzjoni oħra: Kumpannija fittizja tal-AIO, involuta fil-programm tal-missili ballistiċi.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(15) Fajr Industrial Group. Informazzjoni oħra: Kien jissejjaħ Instrumentation Factory Plant, (b) Entità subordinata tal-AIO, (c) Involut fil-programm tal-missili ballistiċi tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(16) Farasakht Industries: Farasakht Industries hija ta' proprjetà jew ikkontrollata minn, jew taġixxi f'isem l-Iran Aircraft Manufacturing Company, li min-naħa tagħha hija ta' proprjetà jew ikkontrollata minn MODAFL.

Post: Box 83145-311, Kilometer 28, Esfahan-Tehran Freeway, Shahin Shahr, Esfahan, Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(17) Farayand Technique. Informazzjoni oħra: Involuta fil-programm nukleari tal-Iran (programm taċ-ċentrifugi), (b) Identifikata fir-rapporti tal-IAEA.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

▼B

(18) First East Export Bank, P.L.C.: First East Export Bank, PLC hija ta' proprjetà jew ikkontrollata minn, jew taġixxi f'isem il-Bank Mellat. Matul l-aħħar seba' snin, il-Bank Mellat iffaċilita mijiet ta' miljuni ta' dollari fi transazzjonijiet għal entitajiet nukleari, missilistiċi, u ta' difiża Iranjani.

Post: Unit Level 10 (B1), Main Office Tower, Financial Park Labuan, Jalan Merdeka, 87000 WP Labuan, Malasja; Numru tar-Reġistrazzjoni tan-Negozju LL06889 (Malasja).

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(19) Fabbriki Industrijali ta' Magni ta' Preċiżjoni (IFP) (alias Instrumentation Factories Plant). Informazzjoni oħra: użat mill-AIO għal xi tentattivi ta' akkwiżizzjoni.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(20) Jabber Ibn Hayan. Informazzjoni oħra: laboratorju tal-AEOI involut f'attivitajiet taċ-ċiklu tal-karburant.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 3.3.2008 (EU: 24.4.2007).

(21) Joza Industrial Co. Informazzjoni oħra: Kumpannija fittizja tal-AIO, involuta fil-programm tal-missili ballistiċi.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(22) Kala-Electric (alias Kalaye Electric). Informazzjoni oħra: Fornitur għall-PFEP - Natanz, (b) Involuta fil-programm nukleari tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(23) Ċentru ta' Riċerka Nukleari ta' Karaj. Informazzjoni oħra: Parti mit-taqsima tar-riċerka tal-AEOI.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(24) Kaveh Cutting Tools Company: Il-Kaveh Cutting Tools Company hija ta' proprjetà jew ikkontrollata minn, jew taġixxi f'isem id-DIO.

Post: Km of Khalaj Road, Seyyedi Street, Mashad 91638, Iran; Km 4 of Khalaj Road, End of Seyedi Street, Mashad, Iran; Box 91735-549, Mashad, Iran; Khalaj Rd., End of Seyyedi Alley, Mashad, Iran; Moqan St., Pasdaran St., Pasdaran Cross Rd., Tehran, Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(25) Kavoshyar Company. Informazzjoni oħra: Kumpannija sussidjarja tal-AEOI.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(26) Khorasan Metallurgy Industries. Informazzjoni oħra: (a) Kumpanija sussidjarja ta' Ammunition Industries Group (AMIG) li tiddependi mid-DIO, (b) entità involuta fil-produzzjoni tal-komponenti ċentrifuġi.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(27) M. Babaie Industries: M. Babaie Industries hija subordinata għal Shahid Ahmad Kazemi Industries Group (formalment l-Air Defense Missile Industries Group) tal-Aerospace Industries Organization (AIO) tal-Iran. L-AIO tikkontrolla l-organizzazzjonijiet tal-missili ta' Shahid Hemmat Industrial Group (SHIG) u s-Shahid Bakeri Industrial Group (SBIG), it-tnejn li huma ġew indikati fir-riżoluzzjoni 1737 (2006).

Post: Box 16535-76, Tehran, 16548, Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(28) Università ta' Malek Ashtar: Subordinata tad-DTRSC fil-MODAFL. Din tinkludi gruppi ta' riċerka li qabel kienu jaqgħu taħt iċ-Ċentru ta' Riċerka Fiżika (PHRC). L-ispetturi tal-IAEA ma ngħatawx permess jintervistaw lill-persunal jew jaraw id-dokumenti taħt il-kontroll ta' din l-organizzazzjoni biex jirrisolvu l-kwistjoni pendenti tad-dimensjoni militari possibbli għall-programm nukleari tal-Iran.

Post: Corner of Imam Ali Highway and Babaei Highway, Tehran, Iran.

Data tal-indikazzjoni tal-UE: 24.6.2008 (NU: 9.6.2010).

▼B

(29) Mesbah Energy Company. Informazzjoni oħra: Fornitriċi għar-reattur tar-riċerka A40 - Arak, (b) Involuta fil-programm nukleari tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(30) Ministeru tal-Esportazzjoni tal-Loġistika għad-Difiża: Il-Ministeru tal-Esportazzjoni tal-Loġistika għad-Difiża (MODLEX) ibigħ armamenti prodotti fl-Iran lil klijenti madwar id-dinja bi ksur tar-riżoluzzjoni 1747 (2007), li tipprojbixxi lill-Iran milli jbigħ armi jew materjal relatat.

Post: PO Box 16315-189, Tehran, Iran; West side of Dabestan Street, Abbas Abad District, Tehran, Iran.

Data tal-indikazzjoni tal-UE: 24.6.2008 (NU: 9.6.2010).

(31) Mizan Machinery Manufacturing: Il-Mizan Machinery Manufacturing (3M) hija ta' proprjetà jew ikkontrollata minn, jew taġixxi f'isem is-SHIG.

Post: Box 16595-365, Tehran, Iran.

Magħruf ukoll bħala: 3MG

Data tal-indikazzjoni tal-UE: 24.6.2008 (NU: 9.6.2010).

(32) Modern Industries Technique Company: Il-Modern Industries Technique Company (MITEC) hija responsabbli għat-tfassil u l-kostruzzjoni tar-reattur tal-ilma tqil IR-40 f'Arak. Il-MITEC mexxiet akkwist għall-kostruzzjoni tar-reattur tal-ilma tqil IR-40.

Post: Arak, Iran

Magħruf ukoll bħala: Rahkar Company, Rahkar Industries, Rahkar Sanaye Company, Rahkar Sanaye Novin

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(33) Ċentru ta' Riċerka Nukleari għall-Agrikoltura u l-Mediċina: Iċ-Ċentru ta' Riċerka Nukleari għall-Agrikoltura u l-Mediċina (NFRPC) huwa komponent ta' riċerka kbir tal-Organizzazzjoni tal-Enerġija Atomika tal-Iran (AEOI), li ġie indikat fir-riżoluzzjoni 1737 (2006). L-NFRPC huwa ċ-ċentru tal-AEOI għall-iżvilupp ta' fjuwil nukleari u huwa involut fl-attivitajiet relatati mal-arrikiment.

Post: Box 31585-4395, Tehran, Iran.

Magħruf ukoll bħala: Ċentru ta' Riċerka Agrikola u Mediċina Nukleari; Ċentru tat-Teknoloġija tad-Difiża u r-Riċerka Xjentifika:

9.6.2010.

(34) Niru Battery Manufacturing Company. Informazzjoni oħra: (a) Kumpanija sussidjarja tad-DIO, (b) ir-rwol tagħha hu li timmanifattura power units għall-armata Iranjana inklużi s-sistemi tal-missili.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(35) Novin Energy Company (alias Pars Novin). Informazzjoni oħra: Tiffunzjona fi ħdan l-AEOI.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(36) Parchin Chemical Industries Informazzjoni oħra: Fergħa tad-DIO.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(37) Pars Aviation Services Company. Informazzjoni oħra: twettaq manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(38) Pars Trash Company. Informazzjoni oħra: Involuta fil-programm nukleari tal-Iran (programm taċ-ċentrifugi), (b) Identifikata fir-rapporti tal-IAEA.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(39) Pejman Industrial Services Corporation: Il-Pejman Industrial Services Corporation hija ta' proprjetà jew ikkontrollata minn, jew taġixxi f'isem is-SBIG.

Post: Box 16785-195, Tehran, Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

▼B

(40) Pishgam (Pioneer) Energy Industries. Informazzjoni oħra: ipparteċipat fil-kostruzzjoni tal-faċilità għall-konverżjoni tal-uranju f'Esfahan.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(41) Qods Aeronautics Industries. Informazzjoni oħra: Tipproduċi vetturi tal-ajru bla ekwipaġġ (UAVs), parachutes, paragliders, paramuturi, eċċ.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(42) Sabalan Company: Is-Sabalan huwa psewdonimu għas-SHIG.

Post: Damavand Tehran Highway, Tehran, Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(43) Sanam Industrial Group. Informazzjoni oħra: subordinat tal-AIO.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(44) Safety Equipment Procurement (SEP). Informazzjoni oħra: Kumpannija fittizja tal-AIO, involuta fil-programm tal-missili ballistiċi.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 3.3.2008.

(45) 7th of Tir. Informazzjoni oħra: Subordinata tad-DIO, rikonoxxuta ġeneralment li hi involuta direttament fil-programm nukleari tal-Iran, (b) Involuta fil-programm nukleari tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(46) Sahand Aluminum Parts Industrial Company (SAPICO): Is-SAPICO huwa psewdonimu għas-SHIG.

Post: Damavand Tehran Highway, Tehran, Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(47) Shahid Bagheri Industrial Group (SBIG). Informazzjoni oħra: Entità subordinata tal-AIO, (b) Involuta fil-programm tal-missili ballistiċi tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(48) Shahid Hemmat Industrial Group (SHIG). Informazzjoni oħra: Entità subordinata tal-AIO, (b) Involuta fil-programm tal-missili ballistiċi tal-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 23.12.2006.

(49) Shahid Karrazi Industries: Is-Shahid Karrazi Industries hija ta' proprjetà jew ikkontrollata minn, jew taġixxi f'isem is-SBIG.

Post: Teheran, Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(50) Shahid Karrazi Industries: Is-Shahid Sattari Industries hija ta' proprjetà jew ikkontrollata minn, jew taġixxi f'isem is-SBIG.

Post: Teheran, Iran.

Magħruf ukoll bħala: Shahid Sattari Group Equipment Industries.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(51) Shahid Sayyade Shirazi Industries: Is-Shahid Sayyade Shirazi Industries (SSSI) hija ta' proprjetà jew ikkontrollata minn, jew taġixxi f'isem id-DIO.

Post: Next To Nirou Battery Mfg. Co, Shahid Babaii Expressway, Nobonyad Square, Tehran, Iran; Pasdaran St., P.O. Box 16765, Tehran 1835, Iran; Babaei Highway — Next to Niru M.F.G, Tehran, Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(52) Sho'a' Aviation. Informazzjoni oħra: Tipproduċi microlights.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

▼B

(53) Special Industries Group: Is-Special Industries Group (SIG) hija subordinata tad-DIO.

Post: Pasdaran Avenue, PO Box 19585/777, Tehran, Iran.

Data tal-indikazzjoni tal-UE: 24.7.2007 (NU: 9.6.2010).

(54) TAMAS Company. Informazzjoni oħra: (a) entità involuta f'attivitajiet relatati ma' l-arrikkament, (b) TAMAS hi korp li tikkontrolla u li taħtha ġew stabbiliti erba' kumpaniji sussidjarji, inkluża waħda għall-estrazzjoni ta' l-Uranju għall-konċentrazzjoni u oħra responsabbli mill-ipproċessar ta' l-uranju, l-arrikkament u l-iskart.

Data tal-indikazzjoni tal-UE: 24.4.2007 (NU: 3.3.2008).

(55) Tiz Pars: It-Tiz Pars huwa psewdonimu għas-SHIG. Bejn April u Lulju tal-2007, it-Tiz Pars pruvat takkwista magna tal-welding bil-lażer u tal-qtugħ b'ħames assi, li tista' tagħti kontribut materjal għall-programm missilistiku tal-Iran, f'isem is-SHIG.

Post: Damavand Tehran Highway, Tehran, Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(56) Ya Mahdi Industries Group. Informazzjoni oħra: subordinat tal-AIO.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 24.3.2007.

(57) azd Metallurgy Industries: Il-Yazd Metallurgy Industries (SIG) hija subordinata tad-DIO.

Post: Pasdaran Avenue, Next To Telecommunication Industry, Tehran 16588, Iran; Postal Box 89195/878, Yazd, Iran; Box 89195-678, Yazd, Iran; Km 5 of Taft Road, Yazd, Iran.

Magħruf ukoll bħala: Yazd Ammunition Manufacturing and Metallurgy Industries, Directorate of Yazd Ammunition and Metallurgy Industries

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

▼M8

(58) Behineh Trading Co.

Informazzjoni oħra: Kumpannija Iranjana li kellha rwol ewlieni fit-trasferiment illegali ta' armi għall-Punent tal-Afrika u aġixxiet f'isem l-IRGC-Qods Force li topera taħt id-direzzjoni tal-Kmandant tal-Qods Force, il-Maġġur Ġenerali Qasem Soleimani, li kien indikat mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fir-Riżoluzzjoni 1747 (2007), bħala dik li tibgħat il-konsenja tal-armamenti.

Aktar informazzjoni: Lokazzjoni: Tavakoli Building, Opposite of 15th Alley, Emam-Jomeh Street, Tehran, Iran. Telefon: +98 919 538 2305. Website: http://www.behinehco.ir

Data tal-indikazzjoni min-NU: 18 ta' April 2012.

▼M12

(59) Yas Air: Yas Air huwa l-isem il-ġdid ta' Pars Air, kumpannija li kienet proprjetà ta' Pars Aviation Services Company, li min-naħa tagħha kienet indikata mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti fir-Riżoluzzjoni 1747 (2007). Yas Air għenet lil Pars Aviation Services Company, entità indikata min-Nazzjonijiet Uniti, biex tikser il-paragrafu 5 tar-Riżoluzzjoni 1747 (2007).

Indirizz: Mehrabad International Airport, Next to Terminal No. 6, Tehran, Iran.

Data tal-indikazzjoni min-NU: 10.12.2012.

(60) SAD Import Export Company: SAD Import Export Company għenet lil Parchin Chemical Industries and 7th of Tir Industries, entità indikata min-Nazzjonijiet Uniti, biex tikser il-paragrafu 5 tar-Riżoluzzjoni 1747 (2007).

Indirizz: Haftom Tir Square, South Mofte Avenue, Tour Line No 3/1, Tehran, Iran. (2) PO Box 1584864813.

Data tal-indikazzjoni min-NU: 10.12.2012.

▼B

B. **Entitajiet ta' proprjetà, ikkontrollati, jew li jaġixxu f'isem il-Korpi tal-Gwardja Revoluzzjonarja Iżlamika**

(1) Fater (jew Faater) Institute: Sussidjarju ta' Khatam al-Anbiya (KAA). Il-Fater ħadem ma' fornituri barranin, x'aktarx f'isem kunpanniji oħra tal-KAA fuq proġetti IRGC fl-Iran.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(2) Gharagahe Sazandegi Ghaem: Il-Ghorb Nooh hija ta' proprjetà jew ikkontrollata mill-KAA.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(3) Ghorb Karbala: Il-Ghorb Karbala hija ta' proprjetà jew ikkontrollata mill-KAA.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(4) Ghorb Nooh: Il-Ghorb Nooh hija ta' proprjetà jew ikkontrollata mill-KAA.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(5) Hara Company: Ta' proprjetà jew ikkontrollata minn Ghorb Nooh.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(6) Imensazan Consultant Engineers Institute: Ta' proprjetà jew ikkontrollata mill-KAA.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(7) Khatam al-Anbiya Construction Headquarters: Khatam al-Anbiya Construction Headquarters (KAA) hija kumpannija ta' proprjetà tal-IRGC involuta fi proġetti kbar ta' kostruzzjoni ċivili u militari u attivitajiet oħra ta' inġinerija. Hija twettaq ammont sinifikanti ta' xogħol fuq proġeti ta' Organizzazzjonijiet ta' Difiża Passivi. B'mod partikolari, is-sussidjarji tal-KAA kienu involuti fil-kostruzzjoni tas-sit tal-arrikiment tal-uranju f'Qom/Fordow.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(8) Makin: Makin hija ta' proprjetà jew ikkontrollata jew taġixxi f'isem il-KAA, u hija sussidjarja tal-KAA.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(9) Omran Sahel: Ta' proprjetà jew ikkontrollata minn Ghorb Nooh.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(10) Oriental Oil Kish: L-Oriental Oil Kish hija ta' proprjetà jew ikkontrollata jew taġixxi f'isem il-KAA.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(11) Rah Sahel: Ir-Rah Sahel hija ta' proprjetà jew ikkontrollata jew taġixxi f'isem il-KAA.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(12) Rahab Engineering Institute: Ir-Rahab huw ta' proprjetà jew ikkontrollat jew jaġixxi f'isem il-KAA, u huwa sussidjarju tal-KAA.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(13) Sahel Consultant Engineers: Ta' proprjetà jew ikkontrollata minn Ghorb Nooh.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(14) Sepanir: Is-Sepanir hija ta' proprjetà jew ikkontrollata jew taġixxi f'isem il-KAA.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(15) Sepasad Engineering Company: Is-Sepasad Engineering Company hija ta' proprjetà jew ikkontrollata jew taġixxi f'isem il-KAA.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

▼B

C. **Entitajiet ta' proprjetà, ikkontrollati, jew li jaġixxu f'isem l-Islamic Republic of Iran Shipping Lines (IRISL)**

(1) Irano Hind Shipping Company:

Post: Mehrshad Street, Sadaghat Street, Opposite of Park Mellat, Vali-e-Asr Ave., Tehran, Iran; 265, Next to Mehrshad, Sedaghat St., Opposite of Mellat Park, Vali Asr Ave., Tehran 1A001, Iran

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(2) IRISL Benelux NV:

Post: Noorderlaan 139, B-2030, Antwerp, Belgium; Numru tal-V.A.T. BE480224531 (Belġju)

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

(3) South Shipping Line Iran (SSL):

Post: Apt. No. 7, 3rd Floor, No. 2, 4th Alley, Gandi Ave., Tehran, Iran; Qaem Magham Farahani St., Tehran, Iran

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 9.6.2010.

▼M1

ANNESS II

Lista ta' persuni msemmija fl-Artikolu 19(1)(b) u ta' persuni u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 20(1)(b)

I. ►M9 **Persuni u entitajiet involuti fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovu appoġġ lill-Gvern tal-Iran** ◄

A. *Persuni*

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	Reza AGHAZADEH	DtT: 15/03/1949 Numru tal-Passaport: S4409483 validu 26/04/2000 – 27/04/2010 Maħruġ: Teħeran, Numru tal-passaport diplomatiku: D9001950, maħruġ fit-22/01/2008 validu sal-21/01/2013, Post tat-twelid: Khoy	Ex Kap tal-Atomic Energy Organisation of Iran (AEOI). L-AEOI tissorvelja l-programm nukleari tal-Iran u hija imsemmija taħt il-UNSCR 1737 (2006).	23.4.2007
▼M8 ___				
▼M1 3.	Dr Hoseyn (Hossein) FAQIHIAN	Indirizz tal-NFPC: AEOI-NFPD, P.O. Box: 11365-8486, Tehran / Iran	Deputat u Direttur-Ġenerali tal-Nuclear Fuel Production and Procurement Company (NFPC) (ara Parti B, nru 30), parti mill-AEOI. L-AEOI tissorvelja l-programm nukleari tal-Iran u hija imsemmija taħt il-UNSCR 1737 (2006). L-NFPC hija involuta f'attivitajiet marbutin mal-arrikkiment li l-Iran huwa rikjest jissospendi mill-Bord tal-IAEA u l-Kunsill tas-Sigurtà.	23.4.2007
4.	Inġinier Mojtaba HAERI		MODAFL, Deputat għall-Industrija. Rwol superviżorju fuq l-AIO u d-DIO	23.6.2008
▼M23 ___				
▼M1 6.	Said Esmail KHALILIPOUR (magħruf ukoll bħala: LANGROUDI)	DtT: 24/11/1945, PtT: Langroud	Viċi Kap tal-AEOI. L-AEOI tissorvelja l-programm nukleari tal-Iran u hija imsemmija taħt il-UNSCR 1737 (2006).	23.4.2007
7.	Ali Reza KHANCHI	Indirizz tal-NRC: AEOI-NRC P.O. Box: 11365-8486 Tehran/ Iran; Fax: (+9821) 8021412	Kap ta' Tehran Nuclear Research Centre tal-AEOI. L-IAEA għadha tfittex kjarifika mill-Iran dwar esperimenti ta' separazzjoni tal-plutonju mwettqin fit-TNRC, inkluż dwar il-preżenza ta' partiċelli ta' HEU fil-kampjuni ambjentali meħudin mill-Karaj Waste Storage Facility fejn jinsabu kontenituri użati għall-ħażna ta' miri tal-uranju eżawrit f'dawk l-esperimenti. L-AEOI	23.4.2007

▼M1

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			tissorvelja l-programm nukleari tal-Iran u hija imsemmija taħt il-UNSCR 1737 (2006).	
8.	Ebrahim MAHMUD-ZADEH		Direttur Maniġerjali ta' Iran Electronic Industries (ara Parti B, nru 20)	23.6.2008
9.	Fereydoun MAHMOUDIAN	twieled fis-07/11/1943 fl-Iran. Nru tal-Passaport 05HK31387 maħruġ fl-01/01/2002 fl-Iran, validu sas-07/08/2010 Naturalizzat Franċiż fis-07/05/2008	Direttur ta' Fulmen (ara Parti B, nru 13)	26.7.2010
10.	Brigadier Ġenerali Beik MOHAMMADLU		Deputat ta' MODAFL għall-Provvisti u l-Loġistika (ara Parti B, nru 29)	23.6.2008

▼M9

—

▼M1

12.	Mohammad Reza MOVASAGHNIA		Kap tal-Grupp Industrijali Samen Al A'Emmeh (SAIG) magħruf ukoll bħala Cruise Missile Industry Group. Din l-organizzazzjoni ġiet indikata taħt il-UNSCR 1747 u elenkata fl-Anness I għall-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK.	26.7.2010
13.	Anis NACCACHE		Amministratur tal-kumpanniji Barzagani Tejarat Tavanmad Saccal; il-kumpannija tiegħu ppruvat tipprokura oġġetti sensittivi għal entitajiet indikati taħt ir-Riżoluzzjoni 1737 (2006).	23.6.2008
14.	Brigadier Ġenerali Mohammad NADERI		Kap ta' Aerospace Industries Organisation (AIO) (ara Parti B, nru1). AIO ħadet sehem fi programmi sensittivi Iranjani.	23.6.2008

▼M2

▼C2

15.	Ali Akbar SALEHI		Ministru għall-Affarijiet Barranin. Ex Kap tal-Organizzazzjoni tal-Enerġija Atomika tal-Iran (AEOI). L-AEOI tissorvelja l-programm nukleari tal-Iran u hija indikata taħt il-UNSCR 1737 (2006).	17.11.2009

▼M1

16.	Viċi Ammirall Mohammad SHAFI'I RUDSARI		Eks-Deputat ta' MODAFL għall-Koordinazzjoni (ara Parti B, nru 29)	23.6.2008
17.	Abdollah SOLAT SANA		Direttur Maniġerjali ta' Uranium Conversion Facility (UCF) f'Esfahan. Din hija l-faċilità li tipproduċi l-materja prima (UF6) għall-faċilitajiet ta' arrikkiment f'Natanz. Fis-27 ta' Awwissu 2006, Solat Sana rċieva onorifiċenza speċjali mill-President Ahmadinejad għar-rwol tiegħu.	23.4.2007

▼M1

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M2 18.	Mohammad AHMADIAN		Li qabel kien l-Aġent Kap tal-Organizzazzjoni tal-Enerġija Atomika tal-Iran (AEOI), u attwalment Viċi Kap tal-AEOI. L-AEOI tissorvelja l-programm nukleari tal-Iran u hija indikata taħt il-UNSCR 1737 (2006).	23.5.2011
19.	Inġinier Naser RASTKHAH		Viċi Kap tal-AEOI. L-AEOI tissorvelja l-programm nukleari tal-Iran u hija indikata taħt il-UNSCR 1737 (2006).	23.5.2011
20.	Behzad SOLTANI		Viċi Kap tal-AEOI. L-AEOI tissorvelja l-programm nukleari tal-Iran u hija indikata taħt il-UNSCR 1737 (2006).	23.5.2011
21.	Massoud AKHAVAN-FARD		Viċi Kap tal-AEOI għall-Ippjanar, affarijiet Internazzjonali u Parlamentari. L-AEOI tissorvelja l-programm nukleari tal-Iran u hija indikata taħt il-UNSCR 1737 (2006).	23.5.2011
▼M8 —				
▼M3 23.	Davoud BABAEI		Il-kap attwali tas-sigurtà għall-Ministru tal-istitut tar-riċerka tad-Difiża u Loġistika tal-Forzi Armati, l-Organizzazzjoni tal-Innovazzjoni u r-Riċerka Difensiva (SPND), li hija mmexxija minn Mohsen Fakhrizadeh, indikat min-NU. L-IAEA identifikat lil SPND bit-tħassib tagħhom dwar id-dimensjonijiet militari possibbli tal-programm nukleari tal-Iran li l-Iran jirrifjuta li jikkoopera dwaru. Bħala kap tas-sigurtà, Babaei huwa responsabbli għall-prevenzjoni ta' żvelar ta' informazzjoni inkluż lill-IAEA.	1.12.2011
▼M9 —				
▼M3 25.	Sayed Shamsuddin BORBORUDI		Viċi Kap tan-NU tal-Organizzazzjoni Iranjana tal-Enerġija Atomika, indikata mill-UE, fejn huwa subordinat ta' Feridun Abbasi Davani, indikata min-NU. Huwa kien involut fil-programm nukleari Iranjan mill-inqas mill-2002, inkluż bħala l-ex Kap tal-Akkwist u l-Loġistika f'AMAD, fejn huwa kien responsabbli għall-użu ta' kumpanniji li jservu ta' paraventu bħal Kimia Madan biex jinkiseb tagħmir u materjal għall-programm ta' armi nukleari tal-Iran.	1.12.2011

▼M3

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M9 ___				
▼M3 27.	Kamran DANESHJOO (magħruf bħala DANESHJOU)		Ministru tax-Xjenza, ir-Riċerka u t-Teknoloġija mill-elezzjoni tal-2009. L-Iran naqas milli jipprovdi lill-IAEA bi kjarifika dwar ir-rwol tiegħu fir-rigward ta' studji ta' żvilupp dwar testati missili. Dan huwa parti minnonkooperazzjoni wiesgħa tal-Iran mal-investigazzjoni tal-IAEA tal-"Istudji Allegati", li jissuġġerixxu aspetti militari għall-programm nukleari tal-Iran, li jinkludi ċaħda tal-aċċess għal dokumenti assoċjati tal-individi rilevanti. Daneshjoo għandu wkoll rwol fl-attivitajiet "Difiża Passiva" f'isem il-President Ahmadenijad, minbarra r-rwol ministerjali tiegħu. L-Organizzazzjoni tad-Difiża Passiva hija diġà indikata mill-UE.	1.12.2011
▼M8 ___				
▼M3 29.	Milad JAFARI	data tat-twelid 20/9/74	Ċittadin Iranjan li jipprovdi prodotti, l-aktar metalli, lill-kumpanniji li jservu ta' paraventu SHIG indikati min-NU. Wassal prodotti lil SHIG bejn Jannar u Novembru 2010. Ħlasijiet għal xi prodotti saru fil-fergħa ċentrali tal-Export Development Bank of Iran (EDBI), indikat mill-UE f'Tehran wara Novembru 2010.	1.12.2011
▼M9 ___				
▼M3 31.	Ali KARIMIAN		Ċittadin Iranjan li jipprovdi prodotti, l-aktar fibri tal-karbonju, lill-SHIG u SBIG, indikati min-NU.	1.12.2011
32.	Majid KHANSARI		Direttur Eżekuttiv ta' Kalaye Electric Company, indikata min-NU.	1.12.2011
▼M9 ___				
▼M8 ___				
▼M3 35.	Mohammad MOHAMMADI		Direttur Maniġerjali ta' MATSA.	1.12.2011
▼M9 ___				
▼M3 37.	Mohammad Sadegh NASERI		Kap tal-Istitut tar-Riċerka tal-Fiżika (qabel magħruf bħala l-Istitut tal-Fiżika Applikata).	1.12.2011

▼M3

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
38.	Mohammad Reza REZVANIAN-ZADEH		Direttur Maniġerjali ta' Nuclear Reactors Fuel Company (SUREH), indikata mill-UE. Huwa wkoll uffiċjal tal-AEOI. Huwa jissorvelja u joħroġ tenders lil kumpanniji ta' akkwist għal ħidma sensittiva ta' akkwist mitluba fil-Fuel Manufacturing Plant (FMP), iż-Zirconium Powder Plant (ZPP) u l-Uranium Conversion Facility (UCF).	1.12.2011
▼M7 ___				
▼M3 40.	Hamid SOLTANI		Direttur Maniġerjali ta' Management Company for Nuclear Power Plant (MASNA), indikata mill-UE	1.12.2011
▼M9 ___				
▼M3 42.	Javad AL YASIN		Kap taċ-Ċentru ta' Riċerka għall-Isplużjoni u l-Impatt, magħruf ukoll bħala METFAZ	1.12.2011
▼M8 ___				
▼M9 44.	Majid NAMJOO	Twieled fil-5 ta' Jannar 1963 f'Teheran, l-Iran	Ministru tal-Enerġija. Membru tal-Kunsill Suprem tas-Sigurtà Nazzjonali li jifformula l-politika nukleari tal-Iran.	16.10.2012
▼M19 45.	Babak Zanjani	Data tat-twelid: 12 ta' Marzu 1971	Babak Zanjani ipprovda appoġġ għall-finanzjament ta' transazzjonijiet ta' żejt mhux raffinat Iranjan li saru mill-Ministeru Iranjan għaż-Żejt, li ġie elenkat mill-UE. Barra minn hekk, huwa għen lill-Bank Ċentrali tal-Iran u lil National Iranian Oil Company (NIOC), li wkoll ġew elenkati mill-UE, fl-evażjoni tal-miżuri restrittivi tal-UE. Huwa kien faċilitatur għal transazzjonijiet ta' żejt Iranjani u għamel trasferimenti ta' fondi relatati maż-żejt, partikolarment permezz ta' Naftiran Intertrade Company (NICO) u Hong Kong Intertrade, li huma kkontrollati mill-Gvern Iranjan u li wkoll ġew elenkati mill-UE. Barra minn hekk, huwa pprovda servizzi essenzjali lil Iranian Revolutionary Guard Corps (IRGC) billi ppermetta trasferimenti ta' fondi għall-benefiċċju ta' Khatam al-Anbiya, kumpannija li hi proprjetà tal-IRGC soġġetta għal sanzjonijiet tan-NU u l-UE.	8.11.2014

▼M1

B. *Entitajiet*

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	Aerospace Industries Organisation, AIO	AIO, 28 Shian 5, Lavizan, Tehran, Iran Langare Street, Nobonyad Square, Tehran, Iran	L-AIO tissorvelja l-produzzjoni Iranjana tal-missili, inkluż ix-Shahid Hemmat Industrial Group, ix-Shahid Bagheri Industrial Group u l-Fajr Industrial Group, li kollha kienu indikati fil-UNSCR 1737 (2006). Il-kap tal-AIO u żewġ uffiċjali anzjani oħra kienu wkoll imsemmija fil-UNSCR 1737 (2006)	23.4.2007

▼M1

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2.	Armed Forces Geographical Organisation		Ivvalutata li tipprovdi data ġeospazzjali għall-programm tal-Missili Ballistiċi	23.6.2008
3.	Azarab Industries	Ferdowsi Ave, P.O. Box 11365-171, Tehran, Iran	Intrapriża fis-settur tal-enerġija li tipprovdi appoġġ fil-manifattura tal-programm nukleari, inkluża l-proliferazzjoni ta' attivitajiet sensittivi indikati. Involuta fil-bini tar-reattur ta' ilma tqil Arak.	26.7.2010
4.	Bank Mellat (inkluži l-fergħat kollha) u s-sussidjarji:	Head Office Building, 327 Takeghani (Taleghani) Avenue, Tehran 15817, Iran; P.O. Box 11365-5964, Tehran 15817, Iran;	Il-Bank Mellat jimpenja ruħu fi stil ta' mġiba li tappoġġa u tiffaċilita l-programmi fir-rigward tal-missili nukleari u ballistiċi tal-Iran. Huwa pprovda servizzi bankarji lill-entitajiet elenkati min-NU u l-UE jew lil entitajiet li jaġixxu għan-nom tagħhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, jew lil entitajiet ipposeduti jew ikkontrollati minnhom. Huwa l-bank matriċi tal-First East Export Bank li huwa indikat taħt il-UNSCR 1929.	26.7.2010
	(a) Mellat Bank SB CJSC	P.O. Box 24, Yerevan 0010, Repubblika tal-Armenja	Ipposedut 100% mill-Bank Mellat	26.7.2010
	(b) Persia International Bank Plc	Number 6 Lothbury, Kodiċi Postali: EC2R 7HH, Renju Unit	Ipposedut 60% mill-Bank Mellat	26.7.2010
5.	Bank Melli, Bank Melli Iran (inkluži l-fergħat kollha) u s-sussidjarji:	Ferdowsi Avenue, P.O. Box 11365-171, Tehran, Iran	Jipprovdi jew jipprova jipprovdi appoġġ finanzjarju lil kumpanniji li huma involuti fi jew li jakkwistaw merkanzija għall-programmi nukleari u tal-missili tal-Iran (AIO, SHIG, SBIG, AEOI, Novin Energy Company, Mesbah Energy Company, Kalaye Electric Company u d-DIO). Il-Bank Melli jagħmilha ta' faċilitatur għall-attivitajiet sensittivi tal-Iran. Huwa ffaċilita bosta akkwisti ta' materjali sensittivi għall-programmi nukleari u tal-missili tal-Iran. Huwa pprovda firxa ta' servizzi finanzjarji f'isem entitajiet marbuta mal-industriji nukleari u tal-missili tal-Iran, inkluż il-ftuħ ta' ittri ta' kreditu u ż-żamma tal-kontijiet. Ħafna mill-kumpanniji t'hawn fuq ġew indikati fil-UNSCR 1737 (2006) u 1747 (2007). Bank Melli jkompli f'dan ir-rwol, billi jimpenja ruħu f'mudell ta' aġir li jappoġġa u jiffaċilita l-attivitajiet sensittivi tal-Iran. Bl-użu tar-relazzjonijiet bankarji tiegħu, huwa jkompli jipprovdi appoġġ għal, u servizzi finanzjarji lil, entitajiet elenkati min-NU u l-UE f'konnessjoni ma' tali attivitajiet. Huwa jaġixxi wkoll f'isem, u taħt id-direzzjoni ta' tali entitajiet, inkluż Bank Sepah, billi spiss jopera permezz tas-sussidjarji u l-assoċjati tagħhom.	23.6.2008

▼M1

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
	(a) Arian Bank (magħrufa wkoll bħala Aryan Bank)	House 2, Street Number 13, Wazir Akbar Khan, Kabul, Afganistan	Arian Bank huwa impriża konġunta bejn il-Bank Melli u l-Bank Saderat.	26.7.2010
	(b) Assa Corporation	ASSA CORP, 650 (or 500) Fifth Avenue, New York, USA; Nru tal-Identità tat-Taxxa 1368932 (Stati Uniti)	Assa Corporation hija kumpannija ta' kopertura maħluqa u kkontrollata mill-Bank Melli. Hija ġiet stabbilita mill-Bank Melli biex tgħaddi l-flus mill-Istati Uniti lejn l-Iran.	26.7.2010
	(c) Assa Corporation Ltd	6 Britannia Place, Bath Street, St Helier JE2 4SU, Gżejjer Jersey Channel	Assa Corporation Ltd hija l-organizzazzjoni matriċi tal-Assa Corporation. Ippossedutа jew ikkontrollata mill-Bank Melli	26.7.2010
	(d) Bank Kargoshaie (magħruf ukoll bħala Kargoshaee Bank, magħruf wkoll bħala Kargosai Bank)	587 Mohammadiye Square, Mowlavi St., Tehran 11986, Iran	Il-Bank Kargoshaee huwa ppossedut mill-Bank Melli.	26.7.2010
	(e) Bank Melli Iran Investment Company (BMIIC)	No 1 - Didare Shomali Haghani Highway 1518853115 Tehran Iran; Indirizz Alternattiv: No 2, Nader Alley, Vali-Asr Str., Tehran, Iran, P.O. Box 3898-15875; Indirizz Alternattiv: Bldg 2, Nader Alley after Beheshi Forked Road, P.O. Box 15875-3898, Tehran, Iran 15116; Indirizz Alternattiv: Rafiee Alley, Nader Alley, 2 After Serahi Shahid Beheshti, Vali E Asr Avenue, Tehran, Iran; Numru tar-Reġistrazzjoni tan-Negozju: 89584.	Affiljata ma' entitajiet li ilhom sanzjonati mill-Istati Uniti, l-Unjoni Ewropea jew in-Nazzjonijiet Uniti mill-2000. Indikata mill-Istati Uniti bħala li hija pposeduta jew ikkontrollata mill-Bank Melli	26.7.2010

▼M8

	(f) Bank Melli Iran ZAO (magħruf ukoll bħala Mir Business Bank)	Number 9/1, Ulitsa Mashkova, Moscow, 130064, Russia Indirizz alternattiv: Mashkova st. 9/1 Moscow 105062 Russia	Proprjetà tal-Bank Melli.	23.6.2008

▼M1

	(g) Bank Melli Printing and Publishing Company (BMPPC)	18th Km Karaj Special Road, 1398185611 Tehran, Iran, P.O. Box 37515-183; Indirizz Alternattiv: Km 16 Karaj Special Road, Tehran, Iran; Numru tar-Reġistrazzjoni tan-Negozju:	Indikata mill-Istati Uniti għax ipposeduta jew ikkontrollata mill-Bank Melli	26.7.2010

▼M1

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
	(h) Cement Investment and Development Company (CIDCO) (magħrufa wkoll bħala: Cement Industry Investment and Development Company, CIDCO, CIDCO Cement Holding)	No 20, West Nahid Blvd. Vali Asr Ave. Tehran, Iran, 1967757451 No. 241, Mirdamad Street, Tehran, Iran	Ipposeduta kompletament mill-Bank Melli Investment Co. Holding Company biex tamministra l-kumpanniji kollha tas-siment ipposeduti minn BMIIC	26.7.2010
	(i) First Persian Equity Fund	Walker House, 87 Mary Street, George Town, Grand Cayman, KY1-9002, Cayman Islands; Indirizz Alternattiv: Clifton House, 7z5 Fort Street, P.O. Box 190, Grand Cayman, KY1-1104; Cayman Islands; Indirizz Alternattiv: Rafi Alley, Vali Asr Avenue, Nader Alley, Tehran, 15116, Iran, P.O.Box 15875-3898	Ibbażata f'Kajman, b'fondi liċenzjati mill-Gvern Iranjan għall-investiment barrani fit-Teheran Stock Exchange	26.7.2010
	(j) Mazandaran Cement Company	No 51, Sattari St. Afric Ave. Tehran Iran Indirizz Alternattiv: Africa Street No 40, P.O.Box 121, Tehran Iran 19688; Indirizz Alternattiv: 40 Satari Ave. Afrigha Highway, P.O. Box 19688, Tehran Iran	Ikkontrollata mill-Bank Melli Iran	26.7.2010
	(k) Mehr Cayman Ltd.	Gżejjer Kajman; Numru tar-Reġistrazzjoni Kummerċjali 188926 (Gżejjer Kajman)	Ippossedutа jew ikkontrollata mill-Bank Melli	26.7.2010
	(l) Melli Agrochemical Company PJS (magħrufa wkoll bħala: Melli Shimi Keshavarz)	5th Floor 15th Street, Gandi Ave. Vanak Sq., Tehran, Iran Indirizz Alternattiv: Mola Sadra Street, 215 Khordad, Sadr Alley No 13, Vanak Sq., P.O. Box 15875-1734, Tehran, Iran	Ippossedutа jew ikkontrollata mill-Bank Melli	26.7.2010

▼M8

	(m) Melli Bank plc	London Wall, 11th floor, London EC2Y 5EA, United Kingdom	Proprjetà tal-Bank Melli.	23.6.2008

▼M1

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
	(n) Melli Investment Holding International	514 Business Avenue Building, Deira, P.O. Box 181878, Dubai, Emirati Għarab Magħquda; Numru taċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni (Dubai) 0107 maħruġ fit-30 ta' Novembru 2005.	Ippossedut jew ikkontrollata mill-Bank Melli	26.7.2010
	(o) Shemal Cement Company (magħrufa wkoll bħala: Siman Shomal, magħrufa wkoll bħala Shomal Cement Company)	No 269 Dr Beheshti Ave. P.O. Box 15875/4571 Tehran - 15146 Iran Indirizz Alternattiv: Dr Beheshti Ave No 289, Tehran, Iran 151446; Indirizz Alternattiv: 289 Shahid Baheshti Ave., P.O. Box 15146, Tehran, Iran	Ikkontrollata mill-Bank Melli Iran	26.7.2010
6.	Bank Refah	40, North Shiraz Street, Mollasadra Ave., Vanak Sq., Tehran, 19917 Iran	Il-Bank Refah wettaq operazzjonijiet għall-Bank Melli b'segwitu tas-sanzjonijiet imposti mill-Unjoni Ewropea fuq dan tal-aħħar	26.7.2010
7.	Bank Saderat Iran (inklużi l-fergħat kollha) u s-sussidjarji:	Bank Saderat Tower, 43 Somayeh Ave, Tehran, Iran.	Il-Bank Saderat huwa bank ippossedut parzjalment mill-Gvern Iranjan. Il-Bank Saderat ipprovda servizzi finanzjarji għal entitajiet li jipprokuraw f'isem il-programmi nukleari u ta' missili ballistiċi tal-Iran, inklużi entitajiet indikati taħt il-UNSCR 1737. Il-Bank Saderat ittratta ħlasijiet u ittri ta' kreditu ta' DIO (sanzjonata fil-UNSCR 1737) u Iran Electronics Industries sad-data riċenti ta' Marzu 2009. Fl-2003 l-Bank Saderat ittratta ittri ta' kreditu f'isem Mesbah Energy Company tal-Iran relatata man-nuklear (sussegwentement sanzjonata fil-UNSR 1737).	26.7.2010
	(a) Bank Saderat PLC (London)	5 Lothbury, London, EC2R 7 HD, Renju Unit	Sussidjarja pposseduta 100 % mill-Bank Saderat	

▼M35

—

▼M19

8.	Sina Bank	No. 187, Avenue Motahhari Ave., Teheran, 1587998411, Iran Tel: (+9821) 88532434-7, (+9821) 88532434-6 Posta elettronika: infor@-sinabank.ir Sit elettroniku: http://www.sinabank.ir/	Sina Bank hu kkontrollat minn Mostazafan Foundation, entità parastatali ewlenija Iranjana kkontrollata direttament mill-Mexxej Suprem, u li għandha 84 % tal-ishma f'Sina Bank. Huwa jipprovdi servizzi finanzjarji lil Mostazafan Foundation u l-grupp tagħha ta' unitajiet u kumpanniji sussidjarji. Għaldaqstant, Sina Bank jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Gvern tal-Iran permezz ta' Mostazafan Foundation.	8.11.2014

▼M1

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
9.	ESNICO (Equipment Supplier for Nuclear Industries Corporation)	No1, 37th Avenue, Asadabadi Street, Tehran, Iran	Jipprokura merkanzija industrijali, speċifikament għall-attivitajiet tal-programm nukleari mwettaq minn AEOI, Novin Energy u Kalaye Electric Company (kollha indikati taħt il-UNSCR 1737). Id-Direttur ta' ESNICO huwa Haleh Bakhtiar (indikat taħt l-UNSCR 1803).	26.7.2010
10.	Etemad Amin Invest Co Mobin	Pasadaran Av. Tehran, Iran	Qrib Naftar u Bonyad-e Mostazafan, Etemad Amin Invest Co Mobin tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-interessi strateġiċi tar-reġim u tal-Istat parallell Iranjan.	26.7.2010
11.	Export Development Bank of Iran (EDBI) (inklużi l-fergħat kollha) u s-sussidjarji:	Export Development Building, 21st floor, Tose'e tower, 15th st, Ahmad Qasir Ave, Tehran -Iran, 15138 - 35711 next to the 15th Alley, Bokharest Street, Argentina Square, Tehran, Iran; Tose'e Tower, Kantuniera ma' 15th St., Ahmad Qasir Ave., Argentine Square, Tehran, Iran; No 129, 21 's Khaled Eslamboli, No. 1 Building, Tehran, Iran; Numru tar-Reġistrazzjoni Kummerċjali: 86936 (Iran)	L-Export Development Bank of Iran (EDBI) kien involut fil-provvista ta' servizzi finanzjarji lill-kumpanniji marbutin mal-programmi tal-Iran relatati mal-proliferazzjoni u għen entitajiet indikati min-NU biex jiskansaw u jiksru s-sanzjonijiet. Huwa jipprovdi servizzi finanzjarji lil entitajiet subordinati tal-MODAFL u lill-kumpanniji ta' kopertura tagħhom li jappoġġaw il-programmi tal-Iran fir-rigward tal-missili nukleari u ballistiċi. Huwa kompla jittratta ħlasijiet għall-Bank Sepah, wara n-nomina min-NU, inklużi ħlasijiet relatati mal-programmi tal-Iran fir-rigward tal-missili nukleari u ballistiċi. L-EDBI ttratta transazzjonijiet b'rabta mal-entitajiet tal-Iran tad-difiża u tal-missili, li ħafna minnhom ġew sanzjonati mill-UNSCR. L-EDBI serva bħala intermedjarju prinċipali li ttratta l-finanzjament tal-Bank Sepah (sanzjonat mill-UNSCR mill-2007), inklużi ħlasijiet relatati mal-AQM. L-EDBI jipprovdi servizzi finanzjarji lil diversi entitajiet tal-MODAFL u ffaċilita attivitajiet ta' prokura dejjem għaddejjin ta' kumpanniji ta' kopertura assoċjati ma' entitajiet tal-MODAFL.	26.7.2010
	(a) EDBI Exchange Company (magħrufa wkoll bħala Export Development Exchange Broker Co.)	No 20, 13th St., Vozara Ave., Tehran, Iran 1513753411, P.O. Box:15875-6353 Indirizz Alternattiv: Tose'e Tower, Kantuniera ma' 15th St., Ahmad Qasir Ave., Argentine Square, Tehran, Iran	Ibbażata f'Tehran, l-EDBI Exchange Company hija ppossedutа 70% mill-Export Development Bank tal-Iran (EDBI. Hija ġiet indikata mill-Istati Uniti f'Ottubru 2008 għax hija ppossedutа jew ikkontrollata mill-EDBI.	26.7.2010

▼M1

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
	(b) EDBI Stock Brokerage Company	Tose'e Tower, Kantuniera ma' 15th St., Ahmad Qasir Ave., Argentine Square, Tehran, Iran	Ibbażata f'Tehran, l-EDBI Stock Brokerage Company hija sussidjarja ppossedutа kompletament mill-Export Development Bank of Iran (EDBI). Hija ġiet indikata mill-Istati Uniti f'Ottubru 2008 għax hija ppossedutа jew ikkontrollata mill-EDBI.	26.7.2010
	(c) Banco Internacional De Desarrollo CA	Urb. El Rosal, Avenida Francesco de Miranda, Edificio Dozsa, Piso 8, Caracas C.P. 1060, Venezwela	Banco Internacional De Desarrollo CA huwa ppossedut mill-Export Development Bank of Iran.	26.7.2010
12.	Fajr Aviation Composite Industries	Mehrabad Airport, P.O. Box 13445-885, Tehran, Iran	Sussidjarja tal-IAIO fi ħdan il-MODAFL (ara nru 29), li primarjament tipproduċi materjali komposti għall-industrija tal-inġenji tal-ajru, iżda wkoll b'rabta mal-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' carbon fibre għall-applikazzjonijiet nukleari u tal-missili. Marbuta mat-Technology Cooperation Office. L-Iran ħabbar reċentement l-intenzjoni tiegħu li jipproduċi bil-massa ġenerazzjoni ġdida ta' centrifuges li ser jeħtieġu kapaċitajiet ta' produzzjoni ta' carbon fibre FACI.	26.7.2010
13.	Fulmen	167 Darya boulevard - Shahrak Ghods, 14669 - 8356 Tehran.	Fulmen kien implikat fl-istallazzjoni ta' tagħmir elettroniku fuq is-sit ta' Qom/Fordoo fi żmien meta l-eżistenza ta' dan is-sit kienet għadha mhiex magħrufa.	26.7.2010

▼M19

—

▼M1

14.	Future Bank BSC	Block 304. City Centre Building. Building 199, Government Avenue, Road 383, Manama, Bahrain. PO Box 785; Dokument 2k tar-Reġistrazzjoni tan-Negozju: 54514-1 (Baħrejn) jiskadi fid-9 ta' Ġunju 2009; Nru tal-Liċenzja tal-Kummerċ (Baħrejn)	Żewġ terzi mill-Future Bank ibbażat f'Bahrain huma ppossedutі mill-banek Iranjani. Il-Bank Melli u l-Bank Saderat, indikati mill-UE, għandhom kull wieħed terz mill-ishma, bit-terz li jifdal ippossedut mill-Ahli United Bank (AUB) tal-Baħrejn. Għalkemm l-AUB għad għandu l-ishma tiegħu tal-Future Bank, skont ir-rapport annwali tiegħu tal-2007, l-AUB m'għadux jeżerċita influwenza sinifikanti fuq il-bank li hu effettivament ikkontrollat mill-matriċi Iranjani, t-tnejn li huma msemmija fil-UNSCR 1803 bħala banek Iranjani li jeħtieġu "viġilanza" partikolari. Ir-rabtiet stretti bejn il-Future Bank u l-Iran hemm aktar evidenza tagħhom fil-fatt li l-President tal-Bank Melli kellu wkoll fl-istess żmien il-pożizzjoni ta' President tal-Future Bank.	26.7.2010
15.	Industrial Development & Renovation Organization (IDRO)		Korp tal-Gvern responsabbli għall-aċċellerazzjoni tal-industrijalizzazzjoni tal-Iran. Jikkontrolla diversi kumpanniji involuti fil-ħidma għall-programmi nukleari u tal-missili u involut fit-teknoloġija tal-manifattura avvanzata għall-prokurament barrani sabiex jappoġġahom.	26.7.2010

▼M1

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
16.	Iran Aircraft Industries (IACI)		Sussidjarja tal-IAIO fi ħdan MODAFL (ara nru 29). Timmanifattura, issewwi, u twettaq eżaminazzjonijiet bir-reqqa ta' ajru-plani u magni tal-inġenji tal-ajru u tipprokura partijiet relatati mal-avjazzjoni spiss ta' oriġini mill-Istati Uniti, tipikament permezz ta' intermedjarji barranin. L-IACI u s-sussidjarji tagħha nqabdu wkoll jużaw netwerk dinji ta' sensara li jfittxu li jipprokuraw merkanzija relatata mal-avjazzjoni.	26.7.2010
17.	Iran Aircraft Manufacturing Company (magħrufa wkoll bħala: HESA, HESA Trade Center, HTC, IAMCO, IAMI, Iran Aircraft Manufacturing Company, Iran Aircraft Manufacturing Industries, Karkhanejate Sanaye Havapaymaie Iran, Hava Peyma Sazi-e Iran, Havapeyma Sazhran, Hava-peyma Sazi Iran, Hevapeimasazi)	P.O. Box 83145-311, 28 km Esfahan – Tehran Freeway, Shahin Shahr, Esfahan, Iran; P.O. Box 14155-5568, No 27 Ahahamat Aave., Vallie Asr Square, Tehran 15946, Iran; P.O. Box 81465-935, Esfahan, Iran; Shahih Shar Industrial Zone, Isfahan, Iran; P.O. Box 8140, No 107 Sepahbod Gharany Ave., Tehran, Iran	Ippossedut jew ikkontrollata minn, jew taġixxi għan-nom ta' MODAFL (ara nru 29).	26.7.2010

▼M2

▼C2

18.	Iran Centrifuge Technology Company (magħrufa wkoll bħala TSA jew TESA)	156 Golestan Street, Saradr-e Jangal, Tehran.	Iran Centrifuge Technology Company ħadet f'idejha l-attivitajiet tal-Farayand Technique (indikata taħt il-UNSCR 1737). Hija timmanifattura partijiet ta' ċentrifugi għall-arrikkiment tal-uranju, u qed tappoġġa direttament attivitajiet sensittivi għall-proliferazzjoni li l-Iran huwa meħtieġ li jissospendi mill-UNSCRs. Hija twettaq ħidma għall-Kalaye Electric Company (indikati taħt il-UNSCR 1737).	26.7.2010

▼M1

19.	Iran Communications Industries (ICI)	PO Box 19295-4731, Pasdaran Avenue, Tehran, Iran; Indirizz Alternattiv: PO Box 19575-131, 34 Apadana Avenue, Tehran, Iran; Indirizz Alternattiv: Shahid Langary Street, Nobonyad Square Ave, Pasdaran, Tehran	Iran Communications Industries, sussidjarja ta' Iran Electronics Industries (ara nru 23), tipproduċi diversi oġġetti, inklużi sistemi ta' komunikazzjoni, avionics, tagħmir ta' optics u electro-optics, micro-electronics, teknoloġija tal-informazzjoni, test u measurement, sigurtà tat-telekomunikazzjoni, tagħmir elettroniku tal-gwerra, manifattura u tiġdid ta' radar tube, u missile launchers. Dawn l-oġġetti jistgħu jintużaw fi programmi li jinsabu taħt sanzjoni skont il-UNSCR 1737.	26.7.2010

▼M1

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
20.	Iran Electronic Industries (inklużi l-fergħat kollha) u s-sussidjarji:	P. O. Box 18575-365, Tehran, Iran	Sussidjarja sħiħa ta' proprjetà ta' MODAFL (u għaldaqstant organizzazzjoni li tagħmel parti mill-istress grupp bħall-AIO, l-AvIO u d-DIO). Ir-rwol tagħha hu li timmanifattura komponenti elettroniċi għas-sistemi Iranjani tal-armi.	23.6.2008
	(a) Isfahan Optics	P.O. Box 81465-313 Kaveh Ave. Isfahan - Iran P.O.Box 81465-117, Isfahan, Iran	Ippossedutа jew ikkontrollata minn, jew taġixxi għan-nom ta' Iran Electronics Industries	26.7.2010
21.	Iran Insurance Company (magħrufa wkoll bħala Bimeh Iran)	121 Fatemi Ave., P.O.Box 14155-6363 Tehran, Iran	Iran Insurance Company assigurat ix-xiri ta' diversi oġġetti li jistgħu jintużaw fi programmi li huma sanzjonati mill-UNSCR 1737. L-oġġetti mixtrijin assigurati jinkludu partijiet għall-elikotteri, electronics, u kompjuters b'applikazzjonijiet f'inġenji tal-ajru u n-navigazzjoni tal-missili.	26.7.2010
22.	Iranian Aviation Industries Organization (IAIO)	Ave. Sepahbod Gharani P.O.Box 15815/1775 Tehran Iran Ave. Sepahbod Gharani P.O.Box 15815/3446 Tehran Iran 107 Ave. Sepahbod Gharani, Tehran Iran	Organizzazzjoni ta' MODAFL (ara nru 29) responsabbli għall-ippjanar u l-ġestjoni tal-industrija tal-avjazzjoni militari tal-Iran.	26.7.2010
23.	Javedan Mehr Toos		Kumpannija tal-inġinerija li tipprokura għall-Atomic Energy Organisation tal-Iran li ġiet indikata taħt il-UNSCR 1737	26.7.2010
24.	Kala Naft	Kala Naft Tehran Co, P.O. Box 15815/1775, Gharani Avenue, Tehran, Iran; No 242 Shahid Kalantri Street - Near Karim Khan Bridge - Sepahbod Gharani Avenue, Tehran; Kish Free Zone, Trade Center, Kish Island, Iran; Kala Ltd., NIOC House, 4 Victoria Street, London Sw1H1	Tagħmel kummerċ ta' tagħmir għas-settur taż-żejt u l-gass li jista' jintuża għall-programm nukleari tal-Iran. Ippruvat tipprokura materjal (alloy gates li jifilħu ħafna) li m'għandhomx użu barra l-industrija nukleari. Għandha rabtiet ma' kumpanniji involuti fil-programm nukleari tal-Iran.	26.7.2010
25.	Machine Sazi Arak	4th km Tehran Road, P.O. Box 148, Arak, Iran	Intrapriża fis-settur tal-enerġija affiljata mal-IDRO li tipprovdi appoġġ fil-manifattura tal-programm nukleari, inkluża l-proliferazzjoni ta' attivitajiet sensittivi indikati. Involuta fil-bini tar-reattur ta' ilma tqil Arak. F'Lulju 2009, ir-Renju Unit qassam notifika ta' ċaħda tal-esportazzjoni kontra Machine Sazi Arak għal “alumina graphite stopper rod.” F'Mejju 2009, l-Isvezja ċaħdet l-esportazzjoni lill-Machine Sazi Arak ta' “cladding of dish ends for pressure vessels”.	26.7.2010

▼M1

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
26.	Marine Industries	Pasdaran Av., P.O. Box 19585/ 777, Tehran	Sussidjarja tad-DIO.	23.4.2007
▼M19 27.	Power Plants' Equipment Manufacturing Company (Saakhte Tajhizate Niroogahi)	No. 10, Jahanara Alley, wara Hemmat Bridge, Abbaspour St. (preċedentement imsejħa Tavanir), Tehran, Kodiċi Postali1435733161, Iran	subordinata għal AEOI u Novin Energy (ittnejn elenkati taħt UNSCR 1737). Involuta fl-iżvilupp ta' reatturi nukleari.	26.7.2010
▼M1 28.	Mechanic Industries Group		Ħadet sehem fil-produzzjoni ta' komponenti għall-programm ballistiku	23.6.2008
▼M2 ▼C2 29.	Ministry Of Defense And Support For Armed Forces Logistics (magħruf ukoll bħala Ministry Of Defense For Armed Forces Logistics; magħruf ukoll bħala MODAFL; magħruf ukoll bħala MODSAF)	Jinsab fil-parti oċċidentali ta' Dabestan Street, Abbas Abad District, Tehran, Iran	Responsabbli għall-programmi ta' riċerka, żvilupp u manifattura għad-difiża tal-Iran, inkluż appoġġ għall-programmi tal-missili u nukleari.	23.6.2008
30.	Nuclear Fuel Production and Procurement Company (NFPC)	AEOI-NFPD, P.O. Box: 11365-8486, Tehran / Iran P.O. Box 14144-1339, Endof North Karegar Ave., Tehran, Iran	Id-Diviżjoni tal-Produzzjoni ta' Karburant Nukleari (NFPD) tal-AEOI hija responsabbli għar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam taċ-ċiklu tal-karburant nukleari inklużi: l-esplorazzjoni tal-uranju, ix-xogħol fil-minjieri, it-tħin, il-konverżjoni u l-ġestjoni tal-iskart nukleari. L-NFPC hija s-suċċessur tal-NFPD, il-kumpannija sussidjarja taħt l-AEOI li tmexxi r-riċerka u l-iżvilupp fiċ-ċiklu tal-karburant nukleari inkluż il-konverżjoni u l-arrikkiment	23.4.2007
31.	Parchin Chemical Industries		Ħadmet fuq tekniċi ta' propulsjoni għall-programm ballistiku tal-Iran.	23.6.2008
32.	Parto Sanat Co	No 1281 Valiasr Ave., Next to 14th St., Tehran, 15178 Iran.	Manifattur ta' frequency changers u hija kapaċi tiżviluppa/timmodifika changers ta' frekwenza barranija importata b'tali mod li jkunu jistgħu jintużaw fl-arrikkiment tas-centrifuge tal-gass. Hija meqjusa li hija involuta f'attivitajiet ta' proliferazzjoni nukleari.	26.7.2010
